NATIONAL COUNCIL FOR THE ELDERLY
Patronage - H.E. The President of the Republic of Malta
Members of AGE Platform Europe

NEWSPAPER POST

# L-Anzjani Llum

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

Nru. 111 Lulju - Settembru 2023



## Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani għas-snin 2023-2025

Wara l-Assemblea Ġenerali Annwali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li saret fil-15 t'April 2023
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani għas-Snin 2023-2025, huwa ffurmat hekk:

| | |
|---|---|
| PRESIDENT | - Is-Sur Peter Paul Bonnici |
| VIĊI PRESIDENT | - Is-Sur Lino Debono |
| SEGRETARJU ONORARJU | - Is-Sur Raymond Cardona |
| ASST. SEGRETARJU | - Is-Sur Emanuel Grima |
| TEŻORIER | - Is-Sur Godwin C. Micallef |
| ASST. TEŻORIER | - Is-Sur Josiah Grech |
| SEGRETARJU INTERNAZZJONALI | - Dott. Anthony De Giovanni |
| U.R.P. | - Is-Sinjura Mary Mangion |
| ASST. U.R.P. | - Is-Sur Alfred Mallia |
| MEMBRI | - Is-Sur Saviour Attard |
| | - Is-Sinjura Louise Azzopardi |
| | - Is-Sur Emanuel Deguara |
| | - Is-Sur Frank Mumford |
| EDITUR – 'L-ANZJANI LLUM' | - Is-Sur Vincent Piccinino |

F'din l-edizzjoni...



4
**Is-Sur Tonio Portughese**
*Intervista minn Nazju Abela*

# Awguri lis-Sur Peter Paul Bonnici li reġa nħatar President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani għas-Snin 2023-2025



Il-Membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jixtiequ jawguraw lis-Sur Peter Paul Bonnici li għal darboħra ġie elett mingħajr kontestazzjoni ghal kariga tà President fil-Kunsill u jawgurawlu ħidma fejjieda fosthom għal ġid tal-anzjani kollha.

## Laqgħat



Laqgħa mall-Eċċellenza Tiegħu, Dr. George Vella, President ta' Malta, ġewwa San Anton. F'din il-laqgħa konna akkumpnjati mill-Onorevoli Jo Etienne Abela, Ministru Għall-Anzjanit' Attiva. Ġie diskuss il-ħidmiet li l-Kunsill flimkien mall-Ministru, qedin inwettqu favur id-drittijiet tal-anzjani u dwar it-tnaqqis tad-diskriminazzjoni. Hekk kif l-anzjani jifformaw kwart tal-popolazzjoni ta' pajjiżna, qbilna li dan is-settur għandu ħafna x'joffri lis-soċjeta' billi jibqa' jagħti sehem attiv anke wara l-eta' tal-irtirar.



F'laqgħa oħra importanti li l-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, kellu mall-Onorevoli, Dott. Andy Ellul, BA, Adv Eccl Trib Melit, LLD, MP, Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, u ċ-Chairperson tal-MCESD il-Perit David Xuereb. Fejn intweriet ix-xewqa li jkun hemm preżenza tal-istess Kunsill waqt diskussjoni tal-MCESD fuq soġġetti li jolqtu l-Anzjani mill-qrib biex tittieħed azzjoni f'waqqitha. Leħen l-anzjan, li jgħodd għal kwart mill-popolazzjoni jew madwar 125,000, huwa xieraq li jinstema. Hekk kif ġie stabbilit u kkonfermat, waqt il-Plenarja ta' Settembru li għadda fil Parlament, fejn id-dinjita' tal-anzjan għandha tiġi imħarsa kif jixraq.




**DAWK LI GĦANDHOM 'IL FUQ MINN SITTIN SENA JISTGĦU JAPPLIKAW B'XEJN FUQ IL-FORMOLI PROVDUTI MILL-KUNSILL LOKALI TAGĦHOM**

**‘L-ANZJANI LLUM’ huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b’dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Nazju Abela, Josiah Grech,
Mary Mangion u
Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Peter Paul Bonnici

**Viċi President:**
Lino Debono

**Segretarju:**
Raymond Cardona

**Ass. Segretarju:**
Emanuel Grima

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Saviour Attard

**Segretarju Internazzjonali:**
Dr. Anthony De Giovanni

**Uffiċċju għar-Relazzjonijiet Pubbliċi:**
Mary Mangion

**Ass. U.R.P.:**
Alfred Mallia

**Membri:**
Saviour Attard
Louise Azzopardi
Emanuel Deguara
Frank Mumford

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

**INDIRIZZ POSTALI**
**‘ L-Anzjani Llum’**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860**
**E-mail: maltakna@gmail.com**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici’s Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

## EDITORJAL



# Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Spiss nisimgħu lil min jgħid li aħna l-anzjani żvantaġġjati għax m’aħniex midħla tat-teknoloġija l-ġdida tal-informatika u tal-mezzi soċjali tal-komunikazzjoni moderni bħaż-żgħażagħ tal-lum. Jgħidu wkoll li, minn daqshekk, aħna foqra. Jien ma nafx u, allura, kelli ta’ bilfors nirrikorri għal ftit riċerka. Biex nurikom x’qed nitilfu jew, aħjar ngħid, x’qed niffrankaw, nitlobkom tisimgħu naqra din l-istorja.

Waħda tfajla li kienet għal btala l-Awstralja bagħtet messaġġ ta’ malajr lil missierha hawn Malta u qaltlu hekk: “*Hello* Pa, għandi aħbar tajba! Dalwaqt ġejja lura d-dar għax ser niżżewweġ; jiġifieri, lesti ċ-*cheque-book!* Bħalma taf, jien qiegħda l-Awstralja u hu qiegħed l-Amerka. Sirna nafu lil xulxin permezz ta’ *Dating site*, għamilna ħbieb fuq *Facebook* u bdejna nitkellmu fuq *Whatsapp*. Ipproponieli ż-żwieġ fuq *Skype* u ilna xahrejn f’relazzjoni permezz ta’ *Viber*. Pa, għandi bżonn il-barka u l-għajnuna tiegħek! Nitolbok tawgurali xewqat sbieħ u tagħmilli tieġ kbir, *please*! Inħobbok ħafna, Lily.”

Missierha tant ħa gost b’din l-aħbar li weġibha fil-pront u qalilha hekk: “Il-lostra x’aħbar dik, għażiża Lily tiegħi! Tassew? Xi ħlew! Insomma, hu x’inhu! Ismagħni tajjeb! Jien nissuġġerielkom li tiżżewġu fuq *Twitter*, ħudu pjaċir fuq *Tango*, ordnaw kulma għandkom bżonn fuq l-*Amazon* u ħallsu għalkollox bil-*Paypal*. U, meta tixba’ minnu, biegħu fuq l-*Ebay!* Anki jien inħobbok qatiegħ! Missierek.”

Li nesa jgħidilha wkoll missierha kien: “U ara ma jfettillekx tersaq ’l hawn, imma nieħu pjaċir jekk tibgħatli biċċa kejk tat-tieġ bid-*DHL!”*

U x’kull waħda u x’kull tnejn! Mhux ta’ b’xejn li, meta nisimgħu dawn l-affarijiet, aħna l-anzjani kollha, b’għajta waħda, ngħidu flimkien: “Kemm konna aħjar meta konna agħar!”

Ser ikolli nħallikom għax tgħidx x’deħlin tal-*likes* diġà!

Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.

# Lil sieħbi Vincent, l-Editur

*Thomas Agius, anzjan minn Ħaż-Żebbuġ*



Int, b’xi ċajta, kemm tferraħna
u taghtina wisq pjaċir.
Mhux aħjar nidħqu xi daħqa,
flok ninfexxu fit-tgergir?

Iċ-ċajt tiegħek huwa tajjeb
u ma jweġġa’ żgur lil ħadd.
Kompli sejjer kif int sejjer
ħalli jieħu gost kulħadd!

Iċ-ċajt fih ukoll tifsira
li jifhmuha anke ż-żgħar,
biex tgħallimna kif, mit-tajjeb,
dejjem nghaddu għall-aħjar!

Kompli ċċajta, kompli għallem,
kompli lluminana ġbin;
kompli ċanfar, kompli wissi
biex nitbegħdu mill-ħażin!

# INDIRIZZ MIS-SUR PETER PAUL BONNICI
## President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani
## Waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kunsill
## li saret fil-15 t'April 2023

Hu ta' unur għalija li qed immexxi Kunsill kompost minn Membri ħabrieka li lkoll jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-Kunsill skont il-ħiliet li kisbu fid-dinja tax-xogħol, rispettivi tagħhom.



L-iprem fost il-kisbiet kienet bla dubju ta' xejn, il-Plenarja li ġiet organizzata fil-Parlament ta' Malta fit-30 ta' Settembru 2022, lejliet il-Jum Dinji dedikat għall-Anzjani. Bħal kull ħaġa, irid ikun hemm skop fit-twettiq ta' kull proġett, u dan l-iskop għal din il plenarja, huwa l-għarfien u t-tixrid ta' informazzjoni tal-istat preżenti għall-anzjani fil-kommunità tagħna. Il-ħsieb tagħna kien li dan il-għarfien ikun jinvolvi s-sehem ta' setturi varji fil-komunità tagħna.

Ipparteċipaw għad ta' Kunsilli Lokali, il-Caritas, l-Akkademja bis-sehem ta' Professuri eminenti fil Kamp tal-Istudji tal-Anzjani, Rappreżentanti mid-Djar tal-Anzjani tal-Knisja, mill-Politiċi miż-żewġ naħat tal-Kamra tad-Deputati li onorawna bil-preżenza tagħhom, u l-Għaqdiet rispettivi tagħhom. Il-Unjins prinċipali f'pajjiżna li taw l-appoġġ tagħhom għal din l-iniżjattiva. Is-sostenn ma naqas b'mod personali mill-Ministru għall-Anzjanità Attiva u ta' dan nirringrażżjah mill-qalb, għan-nom tal-Kunsill kollu.

Apprezzat, kien l-indiriżż mibgħut mid-Direttur Ġenerali tal-*AGE Platform*, is-Sur Maciej, li elenka l-ħtiġijiet li abbażi tal-Konvenzjoni ta' Madrid, il-pajjiżi huma mħeġġa jaħdmu mal-gvernijiet rispettivi tagħhom biex jiggarantixxu ħajja ta' dinjità għall-anzjan u msaħħa bil-kunċett tad-Dikjarazzjoni tal-Ministri ta' Ruma fl-2022 fejn ġie rikonoxxut it-tkabbir ta' "*Mainstreaming Approach*" ibbażata fuq "*Human Rights Based*".

It-tieni aspett ta' din il-Plenarja kien li nġibu għal attenzjoni tal-Parlament, dawk in-nuqqasijiet fis-soċjetà tagħna li xi kultant jieħdu l-forma ta' abbuż, bħalma huma abbuż fiżiku, emozzjonali, legali u forom oħra li hawn ser inħalli f'idejn l-interventi tar-rappreżentanti hawnhekk illum, tan-nanniet u saħansitra tal-banek lokali. Kollha mill-qasam ta' kompetenza li ġejjin minnu.

Nifhmu ukoll li biex, dawn ir-riformi għall-avvanz tal-anzjan jidħlu fis-seħħ fil pajjiż tagħna, jeħtieġ illi jkun hemm rappreżentanza effettiva fl-MCESD, fejn deċiżjonijiet u talbiet important, inkluż riformi li jiġu indirizzati. Iżda mingħajr il-preżenza tagħna l-anzjani li nammontaw għall-kwart tal-popolazzjoni Maltija fil-preżent, (jew 128,930 skont l-aħħar figura ppublikata mill-NSO fl-2022 ). Dan ma jkunx possibbli għax aħna l-anzjani m'aħniex rappreżentati u allura kull xewqa li tirrifletti dak li pajjiżi qabilna għamlu, ma nistgħux niddibattuh u nippreżentawh għall-attenzjoni tal-awtoritajiet. Għajr xi artiklu li jidher fil-gazzetti minn żmien għal żmien, li jispiċċa jintnesa hekk kif jitwieled. Din hija ħasra, għax nemmnu li għodda hekk importanti u bżonnjuża, għadha ma teżistix, bil-konsegwenza li deċiżjonijiet fuq livell nazzjonali ma jaslux għall-attenzjoni tal-leġislatur li abbażi tagħha, jinħmew dawk il-leġiżlazzjonijiet li jrendu l-ħajja tal-anzjan aktar ġusta u fuq kollox, ta' dinjità.

Mill-Plenarja, bħalma stajtu tapprezzaw, is-suġġetti magħżula kienu mifruxin mal-aspetti prinċipali tal-kommunità tal-anzjani, avolja jibqa' l-fatt li jeżistu oħrajn, li minħabba l-ħin disponibbli għal din il-plenarja, ma stajniex indaħħluhom kollha.

Mingħajr ma nkun akkademiku żżejjed, tajjeb li wieħed jirrealizza li drittijiet effettivi, huma bbażati fuq il-kunċett ta' *Human Rights Based Approach*:-

- juża l-prinċipji internazzjonali li jirregolaw id-drittijiet umani;
- li abbażi tagħhom, l-anzjani jitpoġġew fiċ-ċentru ta' *policies* u prattiċi, u dan aktar qribna, fuq livell nazzjonali;
- hija bbażata fuq l-universalità tad-drittijiet umani, fejn l-anzjani jkunu mħeġġa li jgawdu dawk id-dirittijiet umani ugwali ma' setturi oħra tas-soċjetà;

- jisħaq fuq il-kunċett, li dawn id-drittijiet huma tali li l-anzjan mhux oġġett passiv ta' karità, iżda jitpoġġa f'sitwazzjoni fejn jista' jagħti lura lis-soċjetà;

- jirrokonoxxi d-diversità tal-anzjani u l-esperjenzi tul ħajjithom, ħalli jingħataw is-setgħa li biha jagħtu sehemhom fl-aspetti u proċessi kollha tal-ħajja fid-deċiżjonijiet li jittieħdu u li jaffettwaw lil ħajjithom ta' kuljum u oħrajn li jissalvagwardjaw il-protezzjoni xierqa tad-drittijiet tagħhom.

Għal dan il-għan, huwa tajjeb li r-riżoluzzjonijiet li ħarġu mill-Plenarja, ġew ippreżentati għal diskussjonijiet mat-tliet Kumitati Parlamentari, dak Soċjali, tal-Familja u dak ta' Għawdex. Flimkien ma' rikjesta biex, bi qbil maż-żewġ naħat tal-Kamra tad-Deputati u l-Onorevoli *Mr Speaker*, L-Anzjani jkunu rappreżentati fl-MCESD.

Għal dan il-għan wkoll ġiet imressqa proposta, għand l-Eċċellenza Tiegħu l-President tar-Repubblika, biex tiġi emendata l-Kostituzzjoni bl-inklużjoni tal-Età bħala fattur diskriminatorju, ikun l-ewwel pass b'saħħtu fit-triq lejn l-ewwel pass għall-Anzjanità bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem.

Bħalissa ġiet illonċjata Konsultazzjoni Pubblika għall-Att dwar L-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani. L-għan aħħari jkun li, id-domanda li qed tiżdied tas-servizzi ta' saħħa għall-Anzjani, tkun imħarsa minn Awtorità biex tiggarantixxi livell xieraq ta' dinjità għall-Anzjan.

# Żewġ minuti kollox

## F'żewġ minuti, anzjan attiv jirrakkonta żewġ ċajtiet

**Il-bully tan-nemus**

Charlie daħal il-bottegin tal-każin u qal lill-*barman*: "Agħmilli wieħed doppju Mike għax għadni kemm ħadt battikata max-xiħa!"
"Iva Chal, eh?" qallu l-*barman*. "Proset ħej!. X'kien?"
"Din id-darba hi niżlet għarkupptejha quddiemi, titkaxkar mal-art!" kompla Charlie.
"Allura kif spiċċat l-affari?" reġa' staqsieh Mike.
U Charlie qallu: "Bdiet tgħajjat u twerżaq: "Oħroġ minn taħt is-sodda, ja beżżiegħ! Tkunx *chicken*!"

**Nista' nkun iktar sfortunat?**

F'rokna ġo bar, kien hemm raġel waħdu; ma jkellem lil ħadd u ħadd ma jkellmu. Kien inkwetat, imdejjaq u mħasseb u, quddiemu, kellu tazza birra. Ħin minnhom, daħal raġel mogħla sular, minn dawk li jsuqu t-trakkijiet il-kbar, waqaf ħdejh, ħataflu t-tazza tal-birra u xorobha f'nifs. L-imdejjaq infaqa' jibki. Il-bully mar ħdejh u qallu: "Skużani sieħbi; kont qed niċċajta. Ħalli nħallaslek flixkun birra ieħor. Jien ma niflaħx nara raġel jibki! Anzi, agħmillu pinta Ġuz!" qal lil tal-ħanut.
"Jien mhux għalhekk qed nibki," wieġbu l-ieħor, imbagħad kompla: "Illum kien l-agħar jum ta' ħajti. Dalgħodu bqajt rieqed, dħalt għax-xogħol tard u l-*boss* keċċieni. Meta ħriġt mill-uffiċċju, sibt li serquli l-karozza. Il-puilizija qaluli li ma jistgħu jagħmlu xejn. Qbadt *taxi* biex immur id-dar u, meta ħriġt mit-*taxi*, indunajt li ħallejt il-*wallet* warajja fuq is-*seat*, bil-flus, bl-*ID card*, bil-*credit cards* u b'kollox, insomma, u tat-*taxi* baqa' sejjer u ma nafx min hu! Dħalt id-dar u sibt il-mara fis-sodda mal-ġardinar. Ġejt hawn u, waqt li kont qed naħseb biex inneħħi ruħi b'idejja, dħalt int u xrobtli l-velenu li tfajt fil-birra!"

# RAPPORT AMMINISTRATTIV TAS-SNIN 2022
## Waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjanili saret fil-15 t'April 2023







F'din is-sena il-Kunsill żamm il-laqgħat kull l-ewwel Tlieta ta' xahar, u mhux kull l-ewwel Tnejn ta' xahar skont l-iStatut minħabba li ċertu membri kellhom impennji oħra nhar ta' Tnejn. Minn Jannar sa April, il-laqgħat inżammhu virtwalment fuq *Google* minħabba li kienu reġgħu telgħu l-każi tal-*Covid*, u minn Mejju 'l quddiem saru ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill ġewwa Bkara, b'eċċezzjoni li f'Ġunju saret il-Ħamis, minflok it-Tlieta 7 ta' Ġunju minħabba li kienet festa Pubblika, f'Awwissu ma saretx laqgħa u f'Novembru il-laqgħa saret ġewwa Għawdex.

L-attendenza tal-membri għal-laqgħat matul is-sentejn 2022 kienet tajba. (ara Appendiċi A).

Is-Sena 2022 kienet sena bħal snin oħra ta' qabilha fejn il-President flimkien mall-Eżekuttiv u l-membri tal-Kunsill ħadmu id f'id flimkien bi sħiħ. F'din is-sena kellna ukoll riżenji, kif ukoll membri ġodda fuq il-Kunsill. F'Marzu ġew mibdula żewġ membri min-naħa tal-Gvern, is-Sur Lino Debono u s-Sur Joe Vella Caruana, u ġew maħtura żewġ membri oħra, li huma s-Sinjura Louise Azzopardi u s-Sur Manuel Grima.

F'Ottubru s-Sur Joseph Zammit, li kien ukoll Segretraju Onorarju, kellu jirriżenja għal raġunijiet personali. Minħabba li ma kienx hemm *Runner Up*, bgħatna lill-Għaqdiet Affiljati mall-KNA biex jinnominaw persuna, u bqajna ma rċivejna l-ebda risposta. F'Ottubru l-Kunsill iddeċieda b'vot unanimu li nibagħtu għal persuna li kienet telgħat *Runner Up* mill-*Floor* waqt l-AĠA tal-2021. Dan kien is-Sur Raymond Cardona, fejn huwa aċċetta mill-ewwel, u aċċetta wkoll biex ikun Segretarju Onoraju tal-Kunsill, u s-Sur Manwel Grima, inħatar Asst. Segretarju.

Il-Kunsill irringrazzja lill-Onor. Ex Ministru Dr Michael Farrugia MD, MP, lil-Dr Maria Fatima Deguara MD, u lill-membri kollha tas-sehem u l-ħidma tagħhom.

Fost il-ħidmiet li wettaq il-Kunsill, attendejna laqgħat ma' diversi entitajiet, *seminars*, konferenzi, attivitajiet mill-Gvern, mill-Partit Laburista, mill-Partit Nazzjonalista, u mill-Ministeru tal-Anzjanità Attiva, Laqgħat Ġenerali Annwali ta' Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, *Ageism Campaign*, mal-Kunsill Nazzjonali Taż-Żgħażagħ, laqgħat mal-Banek ta' Malta. Ħadna sehem ukoll fil-*FAITh project* u l-inizjattiva bi sħubija tal-BOV biex l-*IT* ikun aċċessibli mal-Anzjani li min-naħa tal-Għaqda GEMMA qed jgħamlu korsijiet li jitratta IT biex b'hekk jgħinu lill-anzjani kif jużaw it-teknoloġija speċjalment fejn jidħol *Internet Banking*.

Attendejna laqgħat ta' kontinwità mal-E.T. Dott. George Vella, President ta' Malta, u mal-Onor. Is-Sur Jo Etienne Abela, MD, MP, Ministru għall-Anzjaniltà Attiva, fejn sibna appoġġ kbir minnu, mal-Onor. Dr. Paola Mifsud Bonnici, LL.D, MP, Kelliema tal-Oppożizzjoni dwar Anzjanità Attiva u Servizzi fil-Komunità, u mal-Kummissarju tal-Anzjani, Prof. Godfrey La Ferla, fejn ilkoll sibna appoġġ u għajnuna minnhom.

F'dawn kollha li semmejt il-Kunsill ta sehem attiv fihom mill-Membri tal-Kunsill b'għan wieħed, biex naraw kif dejjem intejbu il-kundizzjonijiet fejn jirrigwardja l-ħarsien u l-bżonnijiet tal-anzjani, kif ukoll il-pensjonijiet tal-Anzjani Maltin u Għawdxin, u dan ix-xogħol isir b'sagrifiċċju u responsabbiltà kbira u fuq bażi volontarja.

Apparti dawn li semmejt, tul is-sena saru ħafna Sotto-Kumitati bejn il-membri biex jaħdmu flimkien fuq diversi proġetti, u ħidmiet fil-Kunsill, fuq Rapport ta' Ħidma għas-Snin li Ġejjien, u biex tittella' s-Seduta Parlamentari li saret nhar Il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022, lejliet il-Jum Dinji dedikat lill-anzjani, u li kienet tittratta dwar Drittijiet tal-Anzjani u l-Abbuż fuq l-Anzjani, fejn għalija ħadu sehem attiv l-Onorevoli *Mr. Speaker*, rappreżentanti bil-parteċipazzjoni fost oħrajn ta' *NGOs*, Kunsilli Lokali, Caritas, l-Akkademja u numru ta' Għaqdiet li jaħdmu fil-kamp tal-Anzjani. Mistieden speċjali kien is-Segretarju Ġenerali tal-*AGE Platform* Dr. Maciej Kucharczyk, minn



Brussell, li wera x'għandhom jkunu l-obligi u drittijiet tal-anzjan biex jgħix b'dinjità, kif jixraq. L-iskop aħħari ta' din il-Plenarja kienet biex intejbu il-kwalità tal-ħajja għal 123,915 anzjan (skont l-aħħar figura tal-NSO), filwaqt li nxejnu l-abbużi.

Ħdimna u għadna għaddejjin naħdmu b'saħħa rigward it-talba tagħna biex il-KNA bħala rappreżentanta tal-Anzjani tkun rappreżentanta fuq l-MCESD. Kellna diversi laqgħat mall-Awtoritajiet konċernati u għad għandha lista ta' appunatmenti kontinwa biex din it-talba tiġi aċċetata.

Fir-rigward tal-pensjonanti Maltin u Għawdxin li jammontaw kważi 25% tal-popolazzjoni ta' pajjiżna. Din il-proposta ġiet anki aċċenata mill-i*Speaker* tal-Kamra ta' Rapreżentanti waqt il-Plenarja li saret ftit ġimgħat ilu. Il-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, is-Sur Peter Paul Bonnici, kompla qal, li waqt il-Premju Nazzjonali fil-qasam tad-*Dementia* 2022, li kien mistieden għaliha, ħa l-opportunità u tkellem ukoll mall-President ta' Malta, fuq dan ir-rigward. Is-Sur Peter Paul Bonnici semma wkoll li kif l-Onor. Jo Etienne Abela, sar jaf b'dan, qallu li ser jieħu azzjoni immedjata, huwa qallu wkoll li l-proċedura hija twila imma KNA ser tgħamel minn kollox biex din tiqsar kemm jistà jkun.

Membri mill-Kunsill bagħtu lill-*Age* u ġew aċċettati biex ikunu *Task Forces fuq:*

1. ***Dignified and heathy ageing*** *(incl. access to health and long-term care, elder abuse)*
2. ***Age-friendly environments, with a focus on digitalization*** *(incl. accessibility, mobility, housing, daily services)*
3. ***Employment, participation and active citizenship*** *(incl. life-long learning, volunteering)*
4. ***Adequacy of old-age income and social inclusion*** *(incl. fight against poverty and social exclusion)*

Dr. Anthony De Giovanni, li huwa is-Segretarju Internazzjonali fil-Kunsill kif ukoll il-Viċi President tal-*AGE Platform Europe*, fejn jgħamel ħafna ħidmiet u jkollu diversi laqgħat u *seminars* kemm billi jattendi ġewwa Brussell kif ukoll fuq *Webinar*, u jżomm il-Kunsill infurmat bil-punti saljenti.

Il-President is-Sur Peter Paul Bonnici, flimkien ma' Dr. Anthony De Giovanni kellhom kuntatti u ħadmu mall-Ministru l-Onor. Jo Etienne Abela, u l-Ministru l-Onor. Michael Falzon rigward *Establishing 116 100 as a harmonised EU number for senior helplines,* li ġiet mibgħuta mis-Sur Philippe Seidel mill-*AGE Platform*.

Is- Sur Peter Paul Bonnici u Dr. Anthony De Giovanni ġew nominati mill-membri tal-Kunsill biex ikunu fuq il-Bord tal-Kummissarju għall-Anzjani.

Fost il-ħidmiet tal-Kunsill irrid insemmi l-*Magazine*, 'L-Anzjani Llum', li bqajna nippublikawh kull 3 xhur u li naraw li jkun aktar attraenti u jinqara aktar faċli minn fost l-anzjani Maltin u Għawdxin. Minn hawn għan-nom tal-Kunsill nirringrazzja lill-Editur, is-Sur Vincent



Piccinino, għall-ħidma u l-appoġġ li dejjem wera fil-Kunsill għalkemm m'huwiex membru. Nirringrazzja lill-Board Editorjali, u s-Segretarja Amministrattiva s-Sinjura Marica Attard Cassar, li tgħamel il-biċċa l-kbira tax-xogħol minn dan il-*Magazine*. Lis-Sur Josiah Grech, li barra li huwa wkoll qiegħed fil-Board Editorjali, jieħu ħsieb is-sit elettroniku billi jaġġorna il-*Website*, il-*Facebook page* tal-Kunsill, kif ukoll *Instagram* u *Twitter*. Nixtieq ukoll nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja li dawk kollha li taw xi donazzjoni, kontribuzzjoni u għajnuna.

Ma nistax nagħlaq mingħajr ma niżżi ħajr lill-membri kollha tal-Kunsill tax-xogħol siewi tagħhom u l-għajnuna li dejjem sibt minnhom fil-qadi ta' dmirijieti bħala Segretarju. U fl-aħħar, imma żgur mhux l-inqas, ħajr lis-Segretarja Amministrattiva, is-Sinjura Marica Attard Cassar, għax-xogħol u l-appoġġ li dejjem tagħti lill-Kunsill u l-għajnuna li jien personalment dejjem sibt minnha.

Grazzi

Raymond Cardona

## Why English is hard to learn

Let's take the word *box*, whose plural is *boxes*,
yet the plural of *ox* is *oxen* not *oxes*.
One fowl is a *goose* and two are called *geese*.
Yet, the plural of *moose* is never called *meese*.
You may find a lone *mouse* or a house full of *mice*
but the plural of *house* is *houses* not *hice*.
The plural of *man* is referred to as *men*
but the plural of *pan* is *pans* and not *pen*.
If I speak of a *foot* and you show me two *feet*,
when I mention a *book*, would a pair be a *beek*?
If one is a *tooth* and a whole set are *teeth*,
why shouldn't two *booths* be considered a *beeth*?
If the singular's *this* and the plural is *these*,
should the plural of *kiss* be converted to *keese*?
We speak of a *brother* and also of *brethren*
but, though we say *mother*, we never say *methren*.
And the masculine pronouns are *he, his* and *him*
but imagine the feminine with *she, shis* and *shim*!

*Anon*

# Nazju Abela jintervista lil Tonio Portughese



Tonio Portughese huwa tip ta' bniedem li ma jafx joqgħod bi kwietu, sew professjonalment kif ukoll fil-ħajja privata tiegħu li hija mimlija ħidma kulturali f'diversi sferi. Waħda mir-raġunijiet hija li, matul il-karriera tiegħu, Tonio rċieva diversi unuri distinti li jixirqulu. F'din l-intervista, huwa ser jagħtina ħjiel tal-ħidma li wettaq b'risq il-kultura f'dawn l-aħħar erbgħin sena.

Tonio Portughese twieled fis-26 ta' Jannar 1951 u trabba Tas-Sliema. Kellu l-ewwel esperjenza tax-xogħol bħala lettur tal-letteratura Taljana matul is-sitt sena fil-Kulleġġ Stella Maris li kien immexxi mill-*Brothers* ta' *De La Salle*. Wara, ingħaqad mal-Korporazzjoni Maltija għall-Iżvilupp u beda karriera kemm lokali kif ukoll internazzjonali fis-settur tal-*management* u r-Riżorsi Umani mal-Kumpanija Taljana, *SGS-Ates* u *ST. Microelectronics*. Kellu sehem fl-ewwel dibattitu televiżiv bejn il-mexxejja tal-partiti politiċi ewlenin waqt il-kampanja elettorali tal-elezzjoni tal-1981; fil-Kunsill tal-Università; fil-Kunsill Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija; fil-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ; fl-Għaqda ta' min Iħaddem; fil-*Public Broadcasting Services*; fl-*Employment Relations Board*; fil-Bord tal-Għażla tal-Ħaddiem tas-Sena; kif ukoll bħala Lettur tal-*Performance Management* fl-*ST University, Archamps*, Franza.

Tkellimt ma' Tonio fuq tfulitu, fuq il-karriera tiegħu, fuq dak li tħabat għalih u dak li kiseb fil-ħajja pubblika. Bħalma ser naraw, Tonio Portughese għadu attiv sal-lum stess u, għaldaqstant, napprezza ħafna li huwa xorta waħda sab il-ħin biex jaqsam magħna ftit mill-ħafna esperjenzi tiegħu

**Tonio, għidilna xi ħaġa fil-qosor dwar it-tfulija u l-edukazzjoni tiegħek sakemm wasalt biex tidħol fid-dinja tax-xogħol.**

L-edukazzjoni tiegħi bdiet fl-iskola *St Elizabeth* ta' Tas-Sliema, immexxija mis-Sorijiet Franġiskani. Wara, attendejt l-iskola primarja fi Triq *Blanche*, Tas-Sliema wkoll, minn fejn għaddejt għal-Liċeo tal-Ħamrun. Għamilt sentejn il-*Junior College* fl-Università l-qadima fil-Belt Valletta minn fejn ksibt l-*Advanced level* fl-Ingliż, fit-Taljan, fil-Malti u fil-Filosofija. Dħalt student fil-Fakultà tal-Arti tal-Università, Tal-Qroqq, minn fejn, fl-1973, ksibt il-Baċellerat tal-Arti *b'First Class Honours*. Komplejt bl-istudji *post-graduate* tal-letteratura u l-lingwa Taljana, l-Istorja Politika u l-Istorja tal-Arti fl-*Università degli Studi* ta' Firenze bħala borsista tal-Gvern Taljan u ksibt il-*Master of Arts* permezz ta' riċerka u teżi taħt is-sorveljanza konġunta tal-Fakultà tal-Arti u ta' *Magdalene College* ta' Oxford. Iż-żewġ teżijiet ewlenin tiegħi jittrattaw: *Il Pensiero Politico di Dante Alighieri nella Divina Commedia e nelle Opere Minori* u *La Fortuna del Castiglione nell'Inghilterra Tudoriana.*

**Issa ħalli ngħaddu għall-karriera varjata u wiesgħa tiegħek li toħodna sakemm wasalt biex tirtira.**

Fl-1980, il-karriera tiegħi ħadet svolta ġdida meta kont inkarigat mill-*Italian Desk* tal-Korporazzjoni Maltija għall-Iżvilupp biex nieħu sehem fix-xogħol li kien meħtieġ isir biex, f'Malta, tiftaħ l-*SGS-Ates*, fabbrika ġdida tal-mikroelettronika. Il-President tagħha, l-Inġinier Pasquale Pistorio, inkarigani biex inkun l-ewwel impjegat Malti u fdani bit-tmexxija tal-Iżvilupp tar-Rizorsi Umani u r-Relazzjonijiet Lokali. Bdejt fażi ġdida fl-edukazzjoni maniġerjali billi tħarriġt fil-*Business Management* minn konsulent Amerikan ta' *Don Jackson & Associates* ta' *Phoenix, Arizona*. Barra l-involviment fit-tmexxija u l-iżvilupp tal-fabbrika li ftaħna f'Ħal Kirkop, li kellha mal-1800 ħaddiem, inħtart Direttur mondjali fl-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani fil-fabbriki tal-*ST* tal-Marokk, ta' Singapore, taċ-Ċina u tal-Malasja. Kont ukoll fost il-fundaturi tal-*ST University* fi Franza li tħarreġ inġinieri żgħażagħ b'potenzjal fil-kompetenzi maniġerjali minn pajjiżi differenti.

Servejt ukoll fil-Bord tal-*Consorzio per la Ricerca nella Microelettronica nel Mezzogiorno* bejn l-Università ta' Catania u l-*ST Microelectronics* biex jitħarrġu żgħażagħ min-nofsinhar tal-Italja fit-teknoloġija. Għal xi snin, kont *Chairman* tat-Tribunal Industrijali u President tal-*Malta Employers' Association*. Ikkollaborajt ma' diversi gvernijiet tal-Prim Ministri Dom Mintoff, Eddie Fenech Adami, Alfred Sant, Lawrence Gonzi u Joseph Muscat. L-esperjenzi b'metidologiji fit-tmexxija azjendali u l-valur tar-riżorsi umani fis-suċċess ta' kull azjenda jew organizzazzjoni ġbarthom f'pubblikazzjoni tiegħi bl-isem ta' *People Engagement for Business Excellence and Social Well-being*, b'introduzzjoni mill-President Emeritus, Dr George Abela.

**Minbarra l-karriera personali tiegħek, int kont involut ukoll f'diversi attivitajiet kulturali u akkademiċi, mhux biss fuq bażi lokali imma anki nazzjonali. Tista' telenka xi ftit minnhom?**

Il-ħidma impenjattiva fil-*Business Management* qatt ma firditni mill-imħabba tiegħi għall-kultura, il-mużika u l-opra. Preżentement, nagħti sehmi bħala President Onorarju tat-*12th May Band and Social Club* ta' Ħaż-Żebbuġ; tal-Għaqda Mużikali, Maria Assunta,



tal-Gudja u tal-Banda, Madonna ta' Lourdes, ta' San Ġwann, kif ukoll bħala Membru Onorarju *ad vitam* tas-*Società Filarmonica Leone* tal-Belt Victoria, f'Għawdex u tas-*Società Filarmonica Nazionale La Valette*.



Irċevejt diversi rikonoxximenti u dekorazzjonijiet, kemm minn Malta kif ukoll minn barra. Fosthom, insemmi il-*Cavaliere dell'Ordine al Merito della Repubblica Italiana*, mill-President tal-Italja Carlo Azeglio Ciampi; Ġieħ ir-Repubblika, mill-President Emeritus, Dr George Abela; *Officier, Legion d'Honneur*, mill-President Franċiż, Francois Hollande; Ġieħ Għawdex mill-President Emeritus, Marie Louise Coleiro Preca; *Ufficiale dell'Ordine al Merito della Repubblica Italiana*, mill-President Taljan, Sergio Mattarella; Delegat għal Malta tal-*Associazione Nazionale Insigniti della Repubblica Italiana*; u Tesserat fl-*Albo degli Alumni* tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Kooperazzjoni Internazzjonali bħala rikonoxximent għall-impenn favur il-lingwa u l-kultura Taljana fid-dinja.

**Liema kienu l-mumenti l-aktar li spikkaw fil-ħajja pubblika tiegħek?**

Mument ferm importanti li nibqa' ngħożż kien fl-1981 meta ntlabt miż-żewġ partiti politiċi ewlenin biex immexxi l-ewwel dibattitu politiku televiżiv bejn il-Prim Ministru, Dom Mintoff, u l-Kap tal-Oppożizzjoni, Eddie Fenech Adami, fost stennija kbira mal-pajjiż kollu. Anki fl-elezzjoni tal-1992, mexxejt id-dibattitu televiżiv bejn il-Prim Ministru, Eddie Fenech Adami, u l-Kap tal-Oppożizzjoni, Karmenu Mifsud Bonnici. Fit-twaqqif ta' Xandir Malta fl-1990, kont mitlub inservi fuq il-Bord tad-Diretturi l-ġdid tal-*Public Broadcasting Services,* kif ukoll bħala *Chairman* tal-Bord fis-sena 2013; ħidma li wettaqt b'risq il-viżjoni ta' xandir pubbliku.

Mument memorabbli ieħor kien meta ltqajt mal-Papa Franġisku ġewwa l-Vatikan fejn kelli l-opportunità biex inkellmu dwar is-sehem imprezzabbli tax-xandir u tal-*media* fl-edukazzjoni u l-promozzjoni tal-valuri fost it-telespettaturi ta' kull età.

**Fl-aħħar nett, ikun xieraq li, f'isem il-qarrejja kollha, nifraħlek għal din il-ħidma u nitolbok tgħaddilhom messaġġ.**

Filwaqt li nirringrazzjak għal din l-intervista, nittama li dak li għidt ikun ta' ispirazzjoni u utilità għal kull min jaħdem mal-anzjani. Fir-realtà, għalkemm m'għadnix naħdem daqs qabel, għadni ma rtirajtx għalkollox. L-anzjani huma minjiera ta' tagħrif u ta' għerf miksub mill-università tal-ħajja. Dawn l-esperjenzi għandhom ikomplu jgħożżuhom u jaqsmuhom, mhux biss ma' wliedhom, ma' wlied uliedhom u mal-familjari kollha tagħhom imma, possibbilment, anki mal-membri tal-kommunitajiet u s-soċjetajiet fejn jgħixu. M'għandna qatt nieqfu nxerrdu t-tagħlim vitali li ksibna f'ħajjitna f'dinja għatxana għall-valuri tar-rispett, tal-imħabba u tas-solidarjetà. Sadanittant, nawguralhom ukoll li jibqgħu jgawdu dak kollu li hu sabiħ fl-aspetti kollha tal-ħajja tagħna fuq din l-art.



## APPELL

**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna:**

Is-Sinjura Rose Depares (Valletta) - €10.00
Is-Sur Alfred Conti Borda (Mosta) - €10.00
Is-Sur Anthony Sciortino (Mosta) - €25.00

**L-Editur**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista "L-Anzjani Llum" kull 3 xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani għandha ċirkolazzjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja), kif ukoll l-anzjani individwali li huma abbonati.
Din ir-rivista hija ta' interess u informazzjoni għall-anzjani fejn ninkuraġġuhom ikunu aktar attivi, fiżikament u mentalment.
Għaldaqstant nappprezzaw ħafna li tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista, biex dan l-iskop fejjiedi jkun jista' jitkompla.
*Grazzi bil-quddiem*



# The Church Warden

A short story by Liz Bajada

Jamie White had been a Church Warden at St. Osmond for some twelve years. He was married to Mary, a girl from the village, and had three children Tom, Meg and Ann. He was thirty-five years old and his job was not particularly demanding. His salary was basic but he always topped this up by keeping some poultry in his backyard and by working hard in his kitchen-garden. Apart from this, there was always some maintenance job to do in and around the church. Fr. Brown, the village priest, thought the world of Jamie. He was everything to him. If anything went wrong in the parish house, there was always Jamie with his tool-box doing his utmost to fix it. And the best thing about having Jamie around was that Fr. Brown did not have to wait long to get things back in place. In order not to miss out on earning some extra money for his young family, Jamie relied heavily on Tom. Whenever there was an important function in the church, Jamie called Tom to give him a helping hand. In a wake, Tom would help serve the food after the service. Being the eldest, both his parents relied on him for help in their daily chores. They never thought of sending him to school.

One night, Tom was fretfully awakened by his mother who urgently asked him to go for Fr. Brown as his father had had a massive heart attack and was dying. Tom did what he was told and, without much loss of time, Fr. Brown reached Jamie's bedside. The long and the short of it is that, at fifteen, Tom found himself an orphan. This was a big blow. Shortly after the funeral, his mother told him that the family relied heavily on him and that it was necessary for him to get a job to bring some money home. A couple of days later, Tom decided to call on Fr. Brown to see whether he could get his father's job. Knowing full well the situation of the family, Fr. Brown decided to take him on. And so, Tom became the new Church Warden of St. Osmond.

Some years passed and Tom, who had, by now, grown to be a fine man, was still juggling between the needs at home and those of the church. He was very fond of Fr. Brown who was like a second father to him. One day, Fr. Brown informed Tom that he was being transferred to another parish and that a new priest will be replacing him shortly. Tom was not prepared for this news but he hoped and prayed that things would remain the same.

Initially, Tom kept doing what he had always done before. But, a couple of months later, the new priest, Fr. Mitchen, called Tom to his office and informed him that all the parishes had been instructed to keep records of all expenses incurred. As funds were rather low, Fr. Mitchen was unable to take additional staff to do the job. And so, it rested on the warden to carry out this task as well. At first, Tom was speechless. The news came like a bolt from the blue but, once he had taken it in, he exclaimed, "But, Fr. Mitchem, I have no idea how to keep such records. Due to family circumstances, I never had a chance to go to school."

Reluctantly, Fr. Mitchem replied, "I am so very sorry Tom. I would love to keep you as I value the work you do and I also know that I can trust you. However, I'm afraid that I shall have to employ someone who can carry out both tasks."

Tom felt very dejected as the future was looking bleak and uncertain. He did not want to worry his mother unduly and, at the same time, he also knew that she would immediately notice that something was amiss. So, instead of going straight home, he decided to walk around the town. While still working for Fr. Brown, Tom had got into the habit of smoking a pipe whenever something was troubling his mind. And, if there were times when he needed his pipe, this was certainly, one of them. He pulled out his pipe and looked for the tobacco bag in the breast pocket of his jacket. Unfortunately, he had run out of tobacco but had forgotten to buy another packet from the village tobacconist. "There must be a shop around which sells tobacco!" he wondered to himself. However, although he walked up and down several streets, he could not find a single one. Suddenly, Tom started feeling much better. "This is it!" he thought. "I will open a small tobacconist shop in this town and start selling tobacco, pipes, matches and the lot."

For the next few weeks, Tom busied himself to put his plan into operation. Soon, his small business started to thrive and, within a couple of years, he even moved to larger premises. People got used to his ways of attending to customers. He strongly believed that, being polite and helpful, is the secret for success. Once his business started growing, he realised that he needed help with his books as he still could not do this himself. He employed an accountant who, after reviewing the figures, realised that there was much potential in this young entrepreneur. During one of their meetings, the accountant explained to him that, if he were to obtain a loan from the bank, his business will flourish even more. Sure enough, an appointment was fixed with Mr. Wilkins, the Bank Manager.

Tom, wearing his best suit, walked into Mr. Wilkins' office with his accountant. They were both greeted very cordially and, on one side, Tom and his accountant outlined their visions for the future while, on the other hand, Mr. Wilkins explained how the bank could help them achieve their goals. Once the terms and conditions were agreed upon, the necessary documentation was drawn up and Tom was asked to sign some papers.

"I'm sorry," he said, "but I am ashamed to tell you that I can't do that! You see, due to family exigencies, I could not attend school. My father passed away when I was very young and there was no time for me to get a proper education as I became the sole bread-winner of the family overnight."

The Manager looked quite astonished and, with a smile on his face, he said, "Mr. White, you really surprise me! Can you imagine where you would be if you had had the opportunity to study?"

"Of course I do," was Tom's prompt reply. "I would still be the Church Warden at St. Osmond!"

# Seduta Parlamentari

**Aktar siltiet mid-diskorsi li saru waqt Seduta Parlamentari bit-tema 'Id-Drittijiet ta' u l-Abbuż fuq l-Anzjani' organizzata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022 fil-bini tal-Parlament il-Belt Valletta**





Taħt ir-raba taqsima, jiġifieri, **Salvagwardja u Sigurtà; it-Triq 'il Quddiem**, għamel l-intervent tiegħu ukoll **Joe M Zahra**, Segretarju Informazzjoni tal-Assoċjazzjoni Pensjonanti, Anzjani Nazzjonalisti li qal li, biex l-anzjani jgawdu d-drittijiet tagħhom, iridu li, qabel kollox, ikollhom dħul finanzjarju adegwat li jżommhom indipendenti minn ħaddieħor u jkunu rappreżentati b'mod xieraq f'kull livell tas-soċjetà.

Dwar ir-rappreżentanza, il-kelliem qal li l-APAN tilqa' l-appell ta' *AGE Platform Europe* li ħeġġet il-mobilizzazzjoni fuq livell nazzjonali biex jinbena qafas legali iktar b'saħħtu li jipproteġi d-drittijiet tal-anzjani. Jaqblu wkoll li l-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jkun rappreżentat fl-*MCESD*.

Rigward is-sigurtà tal-anzjani, is-Sur Zahra qal li l-abbużi żdiedu u, għalhekk, jeħtieġ li atti kriminali kontra l-anzjani jkunu ttrattati fil-qrati b'iktar ħeffa u li l-pieni li jingħataw ikunu aktar ħorox biex iservu ta' deterrent effettiv kontra l-abbużi. Mod ieħor kif nistgħu nnaqqsu l-abbużi fuq l-anzjani huwa li s-servizz tat-*telecare*, jiġi estiż fis-sens li l-anzjani li, b'xi mod, iħossuhom mheddin, għandu jkollhom aċċess dirett mal-Għassa tal-Pulizija minn fejn ikunu jistgħu jsibu l-protezzjoni u l-għajnuna li jkollhom bżonn.

Suġġeriment pożittiv ieħor bil-għan li jonqos l-isfruttament tal-anzjani fil-qasam bankarju huwa li l-banek joffru servizz speċjalizzat lill-anzjani minħabba li bosta minnhom mhumiex familjari u komdi jużaw it-teknoloġija moderna li qed jesiġu l-istituzzuzzjonijiet bankarji fiż-żminijiet tal-lum.

Is-Sur Zahra temm l-intervent tiegħu billi qal li l-lista tal-ħtiġijiet tal-anzjani hija waħda twila imma, miżura li żgur tkun tal-akbar benefiċju għall-anzjani u li, forsi, ma tiswiex ħafna flus, hija li l-anzjani jkunu rappreżentati fil-livelli kollha tas-soċjetà Maltija, inkluż fil-Korporazzjonijiet u l-Aġenziji kollha tal-gvern.



Kien imiss imbagħad lil **Mary Farrugia**, Membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li tkellmet dwar il-*gender pension gap* li taffettwa, kważi dejjem, lin-nisa anzjani u li tillimita l-kwalità ta' ħajjithom.

Billi fl-imgħoddi l-affarijiet kienu differenti, ħafna nisa li llum jaslu għall-età tal-irtirar isibu li jew m'għandhomx pensjoni, għax ma kinux jaħdmu barra mid-dar, jew li għandhom pensjoni mnaqqsa, għax m'għandhomx kontribuzzjonijiet biżżejjed.

F'Malta, ir-rata ta' nisa affettwati mill-*pension gender gap* hija t-tieni l-aktar għolja fl-UE wara l-Lussemburgu. Jeħtieġ li n-nisa jkollom l-indipendenza finanzjarja f'din il fazi ta' ħajjithom meta huma l-aktar vulnerabbli għax, anke f'dawn is-sitwazzjonijiet, insibu l-abbuż.

Dwar it-triq 'il quddiem, is-Sinjura Farrugia ssuġġeriet li, f'*household* ta' żewġ anzjani b'pensjoni waħda, il-pensjoni għandha tinqasam f'żewġ partijiet, waħda għar-raġel u l-oħra għall-mara, bħalma sar meta ċ-*childrens allowance* bdiet taħrog fuq isem l-omm.

Rigward l-abbużi fuq l-anzjani, il-kelliema ssuġġeriet li ssir kampanja nazzjonali b' saħħitha li tħeġġeġ lill-anzjani jersqu 'l quddiem u jirrappurtaw kull xorta ta' abbuż fil-konfront tagħhom ħalli tkun tista' titieħed azzjoni immedjata.

Suġġeriment pożittiv ieħor magħmul mis-Sinjura Farrugia huwa dwar is-servizz tal-*breast screening*. Dan l-aħħar, żdiedet l-età minima meta persuna tkun eliġibbli għal dan is-servizz imma l-età massima, li taffettwa n-nisa anzjani, baqgħet l-istess. It-tobba jgħidulek li, anki fix-xjuħija, il-periklu jkun għadu hemm u għandu jkun sorveljat. Jekk trid tieħu ħsieb saħħitha, anzjana fuq pensjoni baxxa, jew fuq il-pensjoni tar-raġel, ikollha tonfoq il-flus fi klinika privata.

**Mario Fava**, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli



Lokali, tkellem dwar l-anzjani fil-kommunità. Is-Sur Fava qal li r-residenti ta' lokal għandhom interess komuni għal servizzi aħjar u iktar effiċjenti, għat-tqassim iktar bilanċjat ta' riżorsi, għal integrazzjoni soċjali aħjar u għal aktar kontabilità u trasparenza f'entitajiet pubbliċi. Dan japplika wkoll għall-anzjani li, fl-imgħoddi, taw tant lill-kommunità fejn twieldu, trabbew u għexu.

Bil-vantaġġ li huma viċin in-nies, il-Kunsilli Lokali għandhom ir-responsabbiltà u l-obbligu li jitkellmu f'isem ir-residenti kollha, inkluż l-anzjani, u li jkunu l-katalisti tal-bidla. L-anzjani huma dawk li għexu u rabbew il-familja fil-lokalità fejn jgħixu u l-Kunsill għandu jara li s-servizzi offruti jilħqu l-aspettattivi tagħhom. Huwa kruċjali li l-anzjani jibqgħu jgħixu fejn twieldu u trabbew; li jibqgħu jiltaqgħu u jissoċjalizzaw ma' anzjani oħrajn li, bħalhom, sawru l-kultura tal-lokalità.

Huwa imperattiv għall-anzjani nfushom li jibqgħu jieħdu d-deċiżjonijiet li jaffettwawlhom ħajjithom billi jagħmlu li jixtiequ, jilbsu u jmorru fejn iridu, jiddeċiedu huma xi jridu jieklu u, jekk huwa fiżikament possibbli, jagħmlu x-xirjiet u l-qadi tagħhom huma stess. Għall-anzjani li jmorru jgħixu f'*home*, dawn id-deċiżjonijiet joħodhom għalihom ħaddieħor mingħajr huma ma jkollhom ebda leħen biex juru dak li jixtiequ.

Hemm ukoll is-servizzi li l-istess anzjani jistgħu joffru. Il-ħin u l-ħiliet li l-anzjani jkollhom mhux talli mhumiex problema talli huma opportunità tajba biex l-anzjani jkunu attivi fil-kommunità tagħhom ħalli, b'mod proattiv, joħolqu ambjent li, permezz tiegħu, ninkoraġġixxu aktar anzjani jħossuhom tassew li huma parti integrali mill-kommunità.

Din hija l-anzjanità attiva fl-aktar mod wiesgħa tagħha. Barra l-parteċipazzjoni fit-tħaddim tad-demokrazija, hemm ukoll is-sens ta' appartenenza li jwassal għal inklużjoni soċjali akbar. Dan huwa l-mod kif il-Kunsilli jużaw l-aspett soċjali b'mod konkret billi residenti ta' kull età, twemmin, ġeneru u kultura, jaħdmu flimkien biex imexxu 'l quddiem għan wieħed; dak li, flimkien, żgħar u kbar, intejbu l-kwalità tal-ħajja ta' xulxin.

**F'dan l-istadju, għamlu l-interventi tagħhom għadd ta' mistednin distinti.**

Waħda minn dawn il-mistednin distinti kienet **Dr. Rebecca J. Berry Wellman**, Teżorier tal-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa. Għal skop ta' statistika, qalet Dr. Berry Wellman, spiss nifirdu n-nies fi gruppi skont l-etajiet tagħhom imma, fil-ħajja ta' kuljum, dan



m'għandux ikun. Jekk irridu soċjetà verament b'saħħitha, irridu noħolqu strutturi li huma *safe* għal kulħadd; kbar u ż-żgħar. Hija temmen li għad hemm setturi ta' anzjani li mhumiex milħuqin minn ebda istituzzjoni ċivili, reliġjuża jew volontarja.

Dr. Berry Wellman kompliet tgħid li, fiż-żewġ rwoli ta' ħajjitha, jiġifieri, fil-professjoni tagħha bħala nutar u f'dik ta' membru attiv fi ħdan il-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa, spiss tiltaqa' mar-realtà tat-tielet età bil-komplessità kollha tagħha. Il-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa ilu impenjat biex jiżgura li l-anzjani, speċjalment in-nisa, ikunu murija rispett u dinjità. Il-Kunsill iħabbrek biex joħloq spazju fejn il-mara tkun salvagwardjata u b'saħħitha biżżejjed biex tgħix ħajjitha b'dinjità.

Fl-*MCESD*, il-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa jħabrek ukoll biex, fis-soċjetà, u speċjalment fid-dinja tax-xogħol, ikun rispettat il-*gender equality*. Ma rridux ninsew, saħqet Dr. Berry Wellman, li l-*gender equality* jolqot l-anzjani wkoll, kemm dawk li jaħdmu kif ukoll dawk li jieħdu pensjoni. Għaliex, pereżempju, staqsiet il-kelliema, għad hawn nisa li jieħdu pensjoni inqas minn tal-irgiel?

Għal diversi snin, il-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa offra korsijiet differenti biex l-anzjani jkunu dejjem ippreparati għal soċjetà li qed tinbidel; mhux biss f'dawk li huma valuri imma wkoll fl-iżvilupp tal-infrastrutturi teknoloġiċi, bħal *computers* u l-i*smartphones*. Il-*Covid* dsatax veru ħalliet effetti negattivi fuq is-soċjetà imma, bla dubbju, serviet ukoll ta' xprun biex tinbeda rivoluzzjoni teknoloġika.

Dr. Berry Wellman temmet l-intervent tagħha billi qalet li jeżisti faqar li ma jidhirx, bħal anzjani li qegħdin f'sitwazzjoni mingħajr għajnuna jew dawk waħedhom. Hija appellat biex tittieħed azzjoni immedjata mill-awtoritajiet ħalli niżguraw li l-anzjani ma jibqgħux lura f'dinja li qed issir dejjem iżjed aggressiva teknoloġikament.



Warajha, tkellmet **Dr. Alexia Mercieca**, Lettur fl-Arkitettura u d-Disinn Urban. Bdiet l-intervent tagħha billi qalet li l-ambjent, sew urban kif ukoll rurali, dejjem kien ċentrali f'ħajjet il-bniedem u, tul iż-żminijiet, sew dak urban kif ukoll dak rurali, it-tnejn kienu essenzjali għal ħajja ta' kwalità tajba. L-aċċess għal ambjent nadif li joffri livell adekwat ta' saħħa u sigurtà u li jkun

sostenibbli, huwa rikonoxxut bħala dritt bażiku mill-Ġnus Magħquda.

Riċerka internazzjonali turi biċ-ċar li ambjent inkussiv għall-ħtiġijiet u r-realtajiet tal-anzjani għandhom potenzjal li joffru ħajja iktar indipendenti, sens ikbar ta' appartenenza fil-kommunità, żieda fil-parteċipazzjoni f'attivitajiet soċjali, titjib tal-abbilitajiet, titjib fis-saħħa fiżika u mentali u titjib fil-perċezzjoni tal-*benessere*. Għaldaqstant, l-anzjani għandhom interess, u huma mħeġġa, jipparteċipaw fid-deċiżjonijiet u fl-ippjanar li jaffettwa l-ambjent fejn huma jiltaqgħu, jissoċjalizzaw u jqattgħu ħafna mill-ħin tagħhom.

Spazji pubbliċi, bħal pjazez u ġonna fejn jiltaqgħu l-anzjani, ġeneralment, huma mfasslin skont prinċipji ta' disinn fejn il-ħtiġijiet u x-xewqat tal-persuni huma l-ewwel prijorità u huma ċentrali fi ħdan sistema infrasstrutturali li tifforma l-ambjent rurali. Għalhekk, l-ippjanar ta' spazji fil-bliet u fl-irħula tagħna għandhom ikunu inklużi fil-*policies* u fil-pjanijiet nazzjonali għall-benefiċċju tal-kommunità inġenerali u tal-anzjani inpartikolari. Spazji urbani li jinkludu elementi naturali, bħal siġar, baħar u veduti sbieħ, fihom iktar valur għax joffru opportunità ta' kwiet u serħan tal-moħħ lil hinn mill-ħajja mgħaġġla tal-lum.

L-Għaqda Dinjija tas-Saħħa għarfet l-importanza tar-relazzjoni bejn l-anzjani u l-ambjent b'mod formali fl-2015 bit-tnehdija tal-inizzjattiva *Age-Friendly World*; kunċett li jippermetti persuni anzjani jgħixu ħajja itwal u f'saħħithom waqt li jrawmu soċjetajiet iktar produttivi u attivi permezz tal-inklussività ta' kulħadd bl-abbilitajiet different tagħhom.

Essenzjali wkoll huwa l-valur ta' ambjent adekwat ġewwa d-djar residenzjali għall-anzjani li, xorta, għandhom jibqgħu jgawdu mid-dritt għal ambjent xieraq. L-anzjani jixirqilhom ambjent li joffri aċċess ħieles, bħal ġonna u spazji miftuħin; ambjent li jagħmilha faċli li jitkomplew l-attivitajiet ta' kuljum b'mod indipendenti kemm jista' jkun. Dan jgħodd ukoll, u speċjalment, għal persuni bid-*dimentia* li, għalihom, jista', saħansitra, jkollu effett terapewtiku li jaffettwa l-imġieba, l-abbilitajiet fiżiċi u l-*wellbeing* tagħhom inġenerali. Huwa ppruvat li ġonna ddisinjati b'mod professjonali speċifikament għall-ħtiġijiet ta' persuni bid-*dimentia* u li joffru aċċess ħieles u kontinwu b'mod sigur, huma ta' benefiċċju mhux biss għar-residenti nfushom imma wkoll għall-istaff u l-familjari tal-istess residenti, temmet tgħid Dr. Mercieca.



Liza Cassar Shaw, Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità għal Standards tal-Ħarsien Soċjali stqarret li l-anzjani huma fost l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà. Irridu nirrikonoxxu li, fl-imgħoddi, l-anzjani taw saħħithom għalina u għal uliedna. Għaldaqstant, ir-rispett u l-ħarsien li aħna nagħtu lill-anzjani mhijiex opra ta' karità imma dritt tagħhom u responsabbiltà tagħna.
L-Awtorità għal Standards tal-Ħarsien Soċjali taħdem biex tisvilluppa regoli u standards ta' servizzi ta' kwalità li huma mmirati biex jassiguraw ħajja aktar dinjituża għall-anzjani. X'jiswa, staqsiet il-kelliema, li niftaħru u nkunu sodisfatti li qed noffru varjetà ta' serviizzi lill-anzjani jekk dawn is-servizzi jkunu neqsin minn standards xierqa?

Ilkoll naqblu li kull persuna għandha d-dritt għal kura ta' kwalità u għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tagħha. Meta nitkellmu fuq iż-żgħażagħ, nitkellmu fuq il-futur tagħhom imma, sfortunatament, fejn jidħlu l-anzjani, nevitaw l-użu tal-kelma futur. M'għandniex nieqfu nitkellmu dwar il-futur tal-anzjani għax il-potenzjal tal-ħajja ma jieqafx mal-anzjanità. L-anzjanità hija fażi oħra tal-ħajja li għandha potenzjal li jista' jiġi sviluppat. Infatti, fi kwalunkwe stadju tal-ħajja, irridu niggarantixxu l-ħarsien tad-drittijiet, tal-emanċipazzjoni, tal-ugwaljanza u tal-ekwità. Jeħtieġ nassiguraw li l-anzjani jibqa' jkollhom aċċess għall-opportunitajiet.

L-Awtorità għal Standards tal-Ħarsien Soċjali hija l-għassiesa li tisgura li s-servizzi li jingħataw ikunu ta' livell xieraq b'mod konsistenti sebat ijiem fil-ġimgħa. Jekk irridu storja ta' suċċess fil-qasam tal-ħarsien soċjali fejn jirrigwarda l-anzjani, l-Awtorità tqis l-iskrutinju kontinwu bħala għodda importanti. Temmen ukoll li, quddiem realtajiet differenti bħalma hija d-dimensia, it-triq 'il quddiem tibqa' waħda ta' aktar ħidma u servizzi fil-kommunità. Irridu nagħmlu ħilitna ħalli l-anzjani ma jiġux emarġinati. Is-sens ta' komunita' huwa importantissimu għall-anzjani u rridu naħdmu aktar biex l-anzjani jibqgħu jħossuhom parti mill-kommunità irrispettivament jekk jgħixux ġo darhom, f'dar ta' xi qarib jew f'residenza għall-anzjani.

Jeħtieġ li nħarsu s-siġurtà tal-anzjani u, fejn ikollna rakkomandazzjonijiet li jagħmlu sens, għandna naraw li jitwettqu. L-akbar sodisfazzjon li jista' jkollna, kompliet tgħid Liza Cassar Shaw, mhumiex ir-rapporti li nagħmlu aħna imma meta naraw l-anzjani ferħanin u, minn qalbhom, juruk l-apprezzament tagħhom għal dak li tkun qed tagħmel.

Fl-aħħar tad-diskors tagħha, is-Sinjura Cassar Shaw ferħet u rringrazzjat lill-KNA għal din l-inizzzjattiva proprju lejliet il-Jum Dinji tal-Anzjani u rringrazzjat ukoll lil kull minn jaħdem f'dan is-settur. Hija sostniet li, meta xogħlna nagħmluh b'impenn u b'mħabba, dan jagħti l-frott u r-riżultati mixtieqa. F'dinja fejn l-innovazzjonijiet saru l-ordni tal-ġurnata, ma rridux ninsew il-vulnerabbilità ta' dawk li, fl-imgħoddi, tant ħadmu biex aħna nkunu aħjar minnhom. Issa jmiss lilna li nagħtuhom l-aqwa kwalità ta' ħajja possibbli.

Kelliemi ieħor kien **Dr. Renzo De Gabriele**, Uffiċjal Kap Eżekuttiv tad-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Kommunità. Fost affarijiet oħra, Dr. De Gabriele qal li l-abbuż fuq l-anzjani huwa fenomenu globali u jiġi f'ħafna forom, inkluż dak fiżiku, emozzjonali, sesswali, finanzjarju kif ukoll f'negliġenza u abbandun; anki minn qrabathom stess.



L-anzjani huma vulnerabbli għall-abbuż, mhux faċli għalihom biex jiddefendu ruħhom u, minħabba l-biżgħa u l-infermità tagħhom, isibuha diffiċli biex ifittxu l-għajnuna. Dan huwa aċċentwat iktar f'individwi b'kapaċità mentali limitata jew imnaqqsa, bħal persuni bid-*dimentia*

Anzjan jista' jkollu biżgħa mill-konsegwenzi jekk ifittex l-għajnuna; partikolarment, jekk l-aggressur ikun membru tal-familja, jew f'pożizzjoni ta' poter, jew huwa l-uniku *carer*; biżgħa li, jekk jirrapporta, jista' jkun hemm ritaljazzjoni. Bħala riżultat ta' din il-biżgħa, anzjani bħal dawn jispiċċaw waħedhom, iżolati u abbandunati, jew fi djarhom stess jew anki fi djar tal-kura residenzjali. L-anzjan x'aktarx jikkunsidra l-abbuż bħala affari privata li aħjar tinżamm mistura għax huwa tal-mistħija li wieħed jammetti li jkun qed jiġi sfruttat jew abbużat minn membru tal-familja stess. L-anzjan jista' anki jħalli l-abbuż għaddej għall-imħabba ta' wliedu jew biex jiġi evitat konflitt bejn l-aħwa u tinżamm il-paċi fil-familja. Dan mhuwiex is-soluzzjoni għax, meta jkun hemm min qed ibati, ma jistax ikun hemm serenità fil-familja.

L-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità tipprovdi għajnuna lill-anzjani u lill-qrabathom permezz ta' erbgħa u għoxrin servizzi varji li jgħinu biex jiġi evitat, jew jitnaqqas, l-abbuż. Hawnhekk, il-kelliem iffoka fuq xi whud minn dawn is-servizzi, bħas-*Social Workers*, il-*Victim Support Agency*, il-psikoterapija, il-konsulenza tal-psikoġerarkija, is-Sezzjoni tad-*Dimentia* u s-servizzi tat-*telecare-plus* u t-*telecare on the move*.

Għad baqa' xi jsir, temm jgħid Dr. De Gabriele, imma anki permezz ta' attivitajiet bħal dawn, kif ukoll bit-tkomplija ta' kampanja ta' informazzjoni dwar id-diversi servizzi li huma offruti, determinati li nkomplu naħdmu biex negħlbu din l-isfida globali.

Imbagħad, għamel l-intervent tiegħu **il-Professur Godfrey La Ferla**, Kummissarju għall-Anzjani, li tkellem dwar il-kura medika mogħtija lill-anzjani meta jiddaħħlu fl-Emergenza tal-Isptar Mater Dei. Huwa qal li, għalkemm il-kura medika speċjalizzata, kemm f'Mater Dei kif ukoll f'San Vinċenz, imxiet 'il quddiem u, saħansitra, qed jiżdiedu għadd ta' kliniċi speċjalizzati, hemm iżjed x'nistgħu nagħmlu fejn tidħol il-kura medika akuta f'Mater Dei.



Is-sitwazzjoni bħalissa hi li, meta anzjani jidħlu l-emerġenza, dawn jiġu ttrattati bħall-pazjenti normali oħrajn; jiġifieri, jingħataw il-kura kollha meħtieġa imma mingħajr ma jittieħed inkonsiderazzjoni l-fatt li huma anzjani. Eventwalment, dan iwassal għal iktar konsegwenzi negattivi u aktar infiq. Huwa importanti li l-kura speċifika li jeħtieġu l-anzjani, tibda tingħata minnufih mal-wasla tagħhom l-isptar.

Teżisti tip ta' kura akuta għall-anzjani, kompla jgħid il-kelliem, li hija ddisinjata speċifikament biex tnaqqas il-*functional decline* u l-kumplikazzjonijiet li jsegwuh. Studju li sar fuq grupp ta' sebat elef anzjan u anzjana wera li l-kumplikazzjonijiet bħal waqgħat u feriti tas-sodda kienu sostanzjalment inqas f'dan il-grupp ta' pazjenti; il-freqwenza tad-delirju, jew stat ta' konfużjoni, kienet inqas b'mod sinifikanti; kellhom tlettax fil-mija inqas ċans li jizviluppaw tnaqqis funzjonali meta tikkomparahom mal-kategorija l-oħra; kellhom bżonn idumu inqas għall-kura fl-isptar akut; kellhom iktar ċans imorru lura d-dar tagħhom iktar malajr u l-ispiża għall-isptar kienet, sostanzjalment, inqas. Il-Professur La Ferla temm id-diskors tiegħu billi appella lill-awtoritajiet tal-Isptar Mater Dei biex, mingħajr aktar dewmien, jiżviluppaw sala speċifikament għall-kura akuta tal-anzjani u jkollna għadd ta'speċjalisti tal-ġerjatrija imħarrġin f'din it-tip ta' kura. B'hekk, is-servizz tas-saħħa jkompli jitjieb u nkunu qed naqdu sew lill-anzjani tagħna fi żmien meta l-aktar jeħtieġu.

# Popeye Village

Anthony Borg 26/02/90

Konna ferħanin
aħna t-tfal, Maltin u barranin.
Kollha kemm aħna, bniet u subien.

Għaliex il-kbar kissru u farrku
u l-blugħat tagħna, li kellna, mar-riħ taru?

Ta' rġiel kunu
u r-raħal ta' Popeye erġgħu ibnuh.



# L-Għannej Żebbuġi, Manwel Cilia 1889-1967

***Kitba ta' Peter Paul Ciantar***

Meta jasal ix-xahar ta' Ġunju u jibdew l-ewwel ġranet tal-istaġun sabiħ tas-sajf, inħoss ġo fija element qawwi u, kultant, anki nostalġiku tal-festi tradizzjonali u folkloristiċi Maltin. Għandi f'moħħi l-festa ta' San Ġwann il-Battista, il-festa tal-ħġejjeġ, nhar l-24 ta' Ġunju u, ftit ġranet wara, dik tad-29 ta' Ġunju, il-festa tant u tant popolari tal-Imnarja, il-festa ta' San Pietru u San Pawl li, għalihom, jiena msemmi. Tgħammidt fil-knisja ta' Ħaż Żebbuġ, proprju dakinhar tal-Imnarja.

Kif kulħadd jaf, mingħajr l-għana Malti, il-festi folkloristiċi tagħna jinħassu vojti u anki bla sens. Dnub jekk xi ħadd inaqqas dan il-valur artistiku li għandu għeruq fil-fond. Pajjiżi oħrajn jiddandnu bl-element folkloristiku tagħhom, ikabbruh u jbiegħuh lill-barranin li jżuruhom.

Jien jiddispjaċini ħafna li, meta kont żgħir, kont ngħaddi kważi kuljum minn quddiem l-għannej Żebbuġi, Manwel Cilia u, dak iż-żmien, ma kontx għadni napprezza t-talent kbir tiegħu. Manwel Cilia kellu talent tant speċjali, li ddistingwa ruħu sewwa bħala għannej mill-aqwa anki fi żmien meta, f'pajjiżna, għannejja kien hawn bil-gzuz.

Niftakar sewwa meta l-Għaqda tal-Każin tal-Banda San Filep ħasset li kellha ssellem lill-għannej Żebbuġi, Manwel Cilia, billi torganizza serata f'ġieħu ħalli tfakkar il-ħamsin sena mill-mewt tiegħu, li ġrat fl-20 ta' Lulju tal-1967, fl-età ta' tmienja u sebgħin sena.

Manwel Cilia kien jakkumpanja lilu nnifsu fuq il-kitarra. Fl-1931, Manwel tela' fl-istudios ta' *His Master's Voice, Via San Antonio, Milan* biex, flimkien ma' grupp ta' ħames kantanti oħrajn, jirrekordjaw l-ewwel diski Maltin. Dakinhar, l-għannej Manwel Cilia (l-uniku għannej li tela' mal-grupp) irrekordja l-*Istorja ta' Arturo u Maria* u *Genoveffa*, it-tnejn f'żewġ partijiet. Dak iż-żmien, dawn iż-żewġ għanjiet kienu mill-aktar popolari. Kien intgħażel Manwel Cilia minn fost l-għannejja kollha Maltin u kien investa fih is-Sur Anthony D'Amato (is-Sur Nin) li kellu stabbiliment tad-diski rinomat fi Triq San Ġwann il-Belt, taħt is-*Savoy Cinema*.

Missier Manwel kien jismu Francesco u, minħabba li ommu kien jisimha Eliżabbetta, l-għannej Manwel Cilia kien magħruf ukoll bil-laqam, Ta' Żabbetta. Manwel Cilia, twieled fl-24 ta' Mejju, 1889 u kien joqgħod f'numru 29, Triq Sant' Antnin. Hemm kont narah jien fi xjuħitu, bilqiegħda laġenba fuq siġġu. Kien miżżewweġ lil Anna Calleja u kellhom tifla waħda, Maria Carmela, magħrufa bħala Marianne.

Manwel Cilia kien bniedem umli ħafna. Il-professjoni tiegħu kienet ta' servjent tal-isptarijiet u pprattika mat-tabib prinċipali tas-Servizzi Ingliżi li kien stazzjonat fil-Forti Sant' Iermu. Manwel kien bniedem twil u sabiħ, b'ras xagħar folt u abjad qotna. Kien iżomm ruħu nadif u eleganti u kellu karattru ħelu u ġentili.



L-għannej Frans Baldacchino, il-Budaj, kien ifaħħar bis-sħiħ lil Manwel Cilia. Lill-Budaj, jien nafu sew. Għamilt ħafna użu mit-talenti tiegħu fil-programmi tiegħi fuq Radju Malta Nazzjonali u anki sifirna flimkien nirrappreżentaw lil-pajjiżna. Il-Budaj spiss kien jgħidli dwar il-vuċi sabiħa ta' Manwel Cilia kif ukoll fuq il-vrus li kien jaf jaddatta sewwa mingħajr ma joffendi lil ħadd. Il-Budaj kien imsaħħar wara l-għannej Manwel Cilia u jien ngħid ukoll li l-Budaj kompla fejn ħalla Manwel.

L-għana ta' Manwel Cilia għadu ħaj. Min qatt ma sema' *X'aħna sbieħ min jaf jarana!* jew, inkella, *Xalata għal San Pawl il-Baħar*? Għandu wkoll *Il-Mara u x-Xitan*, ir-rakkont tal-istorja tal-opra, *Luċia ta' Lammermur* u oħrajn.

Jiena dejjem ngħid li l-mużika folkloristika għandha post importanti fil-qasam tal-mużika serja. Kienu ħafna l-kompożituri kbar bħal Bartok, Kodaly, Vaughan Williams u oħrajn li studjaw il-mużika folkloristika ta' pajjiżhom u sawruha f'kompożizzjonijiet ta' meravilja fil-qasam tal-mużika serja.

F'pajjiżna, il-kompożitur Charles Camilleri sawwar il-mużika folkloristika tagħna f'waħda mill-isbaħ kompożizzjonijiet tiegħu, il-famuża *Malta Suite*. Niftakru qisu lbieraħ jgħidli li, għat-tielet moviment (moviment immarkat *nocturne*) kien ispirat minn xena ta' għannej taħt is-siġar tal-Buskett. Anki jekk wieħed janalizza din il-kompożizzjoni tant magħrufa, jara li Charles Camilleri huwa mnebbaħ ħafna mill-għana Malti li hu kien japprezza bis-shiħ.

Jien dejjem ngħid li l-għana Malti għandu jkun sors ieħor importanti fil-qasam tal-mużika Maltija. Sa ftit żmien ilu, konna naraw ħafna *Iljieli Maltin* li, naturalment, kienu jinkludu l-għana Malti. Sfortunatament, illum, dawn qed jagħtu posthom lil iljieli oħra importati minn barra minn xtutna.

Imma, biex nispiċċa fuq nota pożittiva, tajjeb ngħid li l-Maltin tal-Awstralja għadhom jagħtu importanza qawwija lill-għana Malti. Sa quddiesa bl-għana Malti rċevejt mill-Awstralja! Fl-aħħar nett, bi pjaċir ngħid ukoll li, sa fl-aħħar, l-għana folkloristiku Malti ġie inkluż fil-lista tal-wirt Kulturali tal-UNESCO.

# Ġużè Muscat Azzopardi – 1853-1927

## Missier il-Letteratura Maltija u pijunier tal-Moviment Liturġiku Malti



***Kitba tal-Kav. Dott. Karmenu Mallia***

Din is-sena hija l-mija u sebgħin anniversarju mit-twelid ta' Ġużè Muscat Azzopardi. Huwa twieled Ħal Qormi, fi Triq San Bartilmew, fl-1 ta' Settembru tal-1853. Iktar tard, mar joqgħod il-Belt, fuq is-Sur ta' taħt Santu Wistin, kantuniera ma' fejn tisbokka Triq Santa Luċija, faċċata ta' Tas-Sliema, u baqa' joqgħod hemm sa ma miet fl-età ta' tlieta u sebgħin sena.

Barra li kien Prokuratur Legali, Ġużè Muscat Azzopardi kien kritiku fin u ġurnalist. Fl-1874, meta kien għad kellu biss dsatax-il sena, għamel traduzzjoni mit-Taljan tal-ħajja ta' San Ġorġ u, iktar 'il quddiem, ittraduċa l-Vanġeli u l-Missal għall-Malti u ħallielna wkoll rakkont bibliku jismu: *Il-Maħbub ta' Ġesù*. Minħabba dan ix-xogħol reliġjuż tiegħu, il-Papa ta' dak iż-żmien onorah bil-*Pro Ecclesia et Pontefice* u, għalhekk, Ġużè Muscat Azzopardi beda jitqies bħala l-Pijunier tal-Moviment Liturġiku Malti.

Muscat Azzopardi kien editur ta' *Il-Ħabbar*, ġurnal politikuletterarju, kif ukoll ta' *Il-Ħabib*, rivista li, fiha, imħajrin minnu, bdew jiktbu bil-Malti l-poeti Dun Karm Psaila, Patri Anastasju Cuschieri u Ninu Cremona. Magħżul bħala l-ewwel President tal-Akkademja tal-Malti, huwa kien ukoll l-editur tar-rivista, *Il-Malti,* li għadha toħroġ sal-lum. Barra minn hekk, Muscat Azzopardi anki għamel xi żmien bħala President tas-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi.

Il-kultura ta' Muscat Azzopardi kienet waħda vasta. Minħabba li f'Malta, dak iż-żmien, it-Taljan kien meqjuż bħala l-ilsien tal-kultura, Ġużè kiteb għadd ġmielu ta' poeżiji f'dan l-ilsien u, fl-1876, ippubblikahom fi ktieb bl-isem ta' *Versi*. Skont Ninu Cremona, "il-ħeġġa tiegħu lejn il-kitba Maltija ma kinitx inqas minn dik li kellu għall-ilsien Taljan." Dejjem skont Ninu Cremona, il-poeżija bikrija tiegħu tagħżlu minn kull kittieb ieħor ta' żmienu.

Fil-poeżiji tiegħu bil-Malti, Muscat Azzopardi ttratta temi patrijottiċi, suġġetti reliġjużi u oħrajn ta' bixra iktar ġenerali. Imma Ninu Cremona jmur *oltre* meta jistqarr li Muscat Azzopardi kiteb bosta poeżiji sbieħ li tista' tqishom bħala l-ewwel poeżiji klassiċi, li kienu dehru sa dak iż-żmien, u li żejnu l-ewwel paġni tal-letteratura Maltija. Hemm ukoll, minn tal-inqas, żewġ okkażjonijiet meta Dun Karm faħħar lil Ġużè Muscat Azzopardi bħala poeta. Fl-eleġija li kitiblu wara mewtu, Dun Karm jgħid hekk:



"quddiemek, il-ħolqien infirex
kmieni u minnu xrobt, poeta, il-benna, il-ħlewwa"

kif ukoll:

"U ħadt f'idejk il-kelma li mhix
fqira mill-fomm ta' ġensna, irqomtha, ħdimtha sewwa
u tajtna tal-Maltin l-isbaħ tifkira."

Anki l-Professur Ġużè Aquilina kien jammira l-ħiliet ta' Muscat Azzopardi u jisħaq li huwa għandu jkollu niċċa ikbar u isbaħ milli kellu fil-maqdes tal-Għanja Maltija. Dwar ir-rumanzi ta' Ġużè Muscat Azzopardi, il-Professur Aquilina kien jaqsamhom f'żewġ kategoriji: dawk miktubin bi stil ħafif u dawk fejn wera s-sengħa u l-ħila ta' kittieb artist.

L-istess bħal Dun Karm, Ninu Cremona wkoll għandu żewġ okkażjonijiet meta faħħar il-proża ta' Muscat Azzopardi. Fl-ewwel waħda jgħidilna li, fuq il-proża ta' Ġużè Muscat Azzopardi, imxew il-prożaturi magħrufin ta' dak iż-żmien, fosthom, Preca, Fons. Maria Galea, Bellanti u anki Temi Zammit. F'okkażjoni oħra jgħidilna li l-proża mexxejja ta' Muscat Azzopardi għelbet, saħansitra, l-istil sabiħ tar-rumanz magħruf, *Ines Farruġ* ta' Manwel Caruana. Imma, forsi, l-akbar apprezzament dwar Ġużè Muscat Azzopardi, Ninu Cremona jagħtihulna meta kiteb hekk: "Ġużè Muscat Azzopardi jibqa' fl-annali tal-letteratura Maltija bħala l-aqwa figura li tat ħajja ġdida lill-ilsien Malti u li, minnha, tnisslu l-aħjar kittieba xjuħ u żgħażagħ li, illum, jiffurmaw il-pijunieri tal-milizzja letterarja Maltija. Fuq kollox, kien bniedem li għamel ġieħ u żejjen il-kitba Maltija u anki refa' l-ilsien Malti mill-għajb li kien jinsab fih."

Fl-għaxar seduta tal-Kummissjoni tal-Assemblea Nazzjonali li saret fit-18 t'Awwissu tal-1920, kien Ġużè Muscat Azzopardi li, bħala rappreżentant tal-ġurnalisti, għall-ewwel darba, ippropona l-użu tal-Malti fis-seduti li, sa dak iż-żmien, kienu għadhom isiru bit-Taljan. Il-proposta tiegħu għaddiet u, għaldaqstant, kien bil-ħila tiegħu li l-Malti beda jintuża fil-Parlament.

Allura mhux ħaġa kbira li, meta tħabbret il-mewt tiegħu, fl-4 t'Awwissu tal-1927, il-Ministru tal-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien, Dr Ġużè Micallef, fl-Assemblea Leġistattiva ħabbar li kien miet "Missier il-letteratura Maltija". Illum ngħidu, "missier il-letteratura moderna Maltija."

Il-Qriema għandhom tassew biex ikunu kburin li, permezz ta' kumitat *ad hoc*, fit-23 ta' Mejju tal-1993, inawguraw mafkar mill-isbaħ f'ġieħu, f'Misraħ il-Kittieba ġewwa Ħal Qormi. Dan il-monument huwa xogħol l-artist u skultur Malti, Alfred Camilleri Cauchi, u kien mikxuf mill-President ta' dak iż-żmien, Dr Ċensu Tabone.

# Il-Liżar ta' Turin – Is-seba' parti

*Kitba ta' Anthony Cardona*

**Ir-riċerka xjentifika tkompli**

Fl-2002, l-awtoritajiet tal-Vatikan iddeċidew li jirrestawraw il-Liżar. L-esperti neħħew iċ-ċarruta ta' wara li kienet hemm biex iżżomm il-Liżar intatt. Neħħew ukoll it-tletin roqgħa li kienu nħietu mal-Liżar biex jimlew il-partijiet vojta li kienu ġarrbu l-ħsarat. B'hekk setgħu jiflu l-Liżar aħjar minn wara wkoll. F'dik is-sena, ix-xjenzat Amerikan Raymond Rogers, espert fil-kimika u magħruf mad-dinja kollha għat-*Thermal Analysis*, wera li r-riżultat tal-*carbon 14 test* li kien ħareġ fl-1988 kien falz għax il-kampjun li kienu ħadu għall-analiżi kien inqata' minn parti ċkejkna f'kantuniera qrib ħafna ta' fejn kien inħaraq. Rogers wera li l-kampjun ma setax ikun agħar u żgur li ma kienx jirrappreżenta t-tessut tal-Liżar.

Il-Liżar reġa' ntwera fil-pubbliku mill-10 t'April sat-23 ta' Mejju 2010. Marru jżuruh maż-żewġ miljun viżitatur. Imbagħad, nhar Sibt il-Għid 30 ta' Marzu, 2013, l-immaġini tal-Liżar intweriet f'xandira diretta fuq it-televiżjoni u fuq ħafna siti elettroniċi. Għall-ewwel darba, in-nies setgħet tara l-immaġini dettaljata b'ċarezza kbira fuq it-tablits u l-mobajls. Mid-19 t'April sal-24 ta' Ġunju, 2015, il-Liżar reġa' ntwera fil-pubbliku fil-Katidral ta' Turin. L-esperti qalu li kompliet issirlu iktar ħsara għax ittieħdu mas-sitt elef ritratt. Il-Liżar kellu għadd ta' restawrazzjonijiet oħrajn u ttieħdu passi biex jiġi ppreservat aħjar u ma jkomplix jiddeterjora minħabba l-kontaminazzjoni. Allura, issiġillawh ġo kaxxa tal-ħġieġ li ma jinkisirx. Il-kaxxa fiha 99.5% argon u 0.5% ossiġnu biex ma jsirux bidliet kimiċi mill-arja u mill-umdità. Il-kaxxa bil-Liżar tqiegħdet fuq pjattaforma tal-aluminju bir-roti ħalli jkunu jistgħu jmexxuh minn post għal ieħor mingħajr ma jmissuh.

Matul dawn l-aħħar deċenji, saret ħafna riċerka u saru mijiet ta' testijiet fuq il-Liżar minn gruppi ta' esperti minn oqsma xjentifiċi differenti. Saret ukoll analiżi dettaljata tad-drapp minn għadd ta' oqsma speċjalizzati fosthom, il-forensika, il-mediċina, l-arkeoloġija, il-bijokimika, il-bijoloġija, il-palinoloġija u oħrajn. Ħafna mill-konklużjonijiet juru li l-Liżar huwa awtentiku. Illum, huwa meqjum mid-dinja kattolika kollha u meqjus bħala l-kefen ta' Ġesù ta' Nażżarett anki minn miljuni ta' nies li ma jipprofessawx xi reliġjon. L-akkademiku Franċiż, Yves Delage, qal li: "Il-Liżar ta' Turin huwa tassew il-kefen ta' Kristu" u anki l-arkeologa Żvizzera, Marija Grazzja Siliato, esperta fuq is-sindonoloġija qalet li: "Ix-xbieha ta' fuq il-Liżar ta' Turin hija dik tal-Mulej Ġesù ta' Nazzarett."



Sa mill-1898, meta Secondo Pia ħa dawk r-ritratti storiċi, ħafna tobba ppruvaw jistabbilixxu l-kawża tal-mewt tal-bniedem fuq il-Liżar ta' Turin li l-immaġini tiegħu turi katavru fi stat ta' *rigor mortis*. It-tabib Pierre Barbet studja l-Liżar mill-aspetti kollha imma kkonċentra l-iktar fuq l-anatomija u l-fiżjoloġija. L-ewwel ipotesi tiegħu kienet li l-bniedem tal-Liżar miet jew asfissjat jew minn kollass aggravat minn patoloġija posttrawmatika. Dawn l-ipotesi jippresupponu li, qabel il-mewt tar-raġel fl-immaġini, seta' kien hemm xi ħin meta kien mitluf minn sensih. Imbagħad, hemm id-diffikultà li m'hemmx spjegazzjoni ta' kif ħareġ dak id-demm magħqud u s-*serum* mill-kustat wara d-daqqa tal-lanza meta tqis li l-ferita saret fuq ġisem mejjet.

Sa mis-seklu l-ieħor, it-tabib Ingliż William Stroud wera kif il-bniedem tal-Liżar miet permezz ta' *haemopericardium*, jiġifieri attakk tal-qalb minħabba kollass. Il-qalb hija mdawra b'membrana rqiqa, il-perikardju li, fiha, hemm żewġ saffi; wieħed estern u l-ieħor intern u hemm kavità ċkejkna bejniethom. Hemm żewġ raġunijiet patoloġiċi li jikkawżaw il-ħruġ ta' dan il-likwidu. Jew meta l-kavità timtela b'likwidu ħematiku li jagħmel pressjoni fuq il-membrana ta' ġewwa u, b'hekk, jisseparaha mis-saff intern, jew meta tittaqqab il-membrana u d-demm jimla l-perikardju. Meta jiġri dan, il-muskolu jkollu spażmu vjolenti u dan jikkawża wġigħ kbir li jġiegħel lill-moribond jgħajjat bl-uġigħ u jmut immedjatament. Dan ifisser li l-moribond imut meta jkun f'sensih waqt li jkun qed jagħmel sforz kbir u fi stat ta' eżawriment fiżiku. Dan huwa l-istat li kien jinsab fih il-bniedem tal-Liżar hekk kif jidher mill-pożizzjoni tal-ġisem. Illum, ħafna tobba jaqblu ma' din l-ipoteżi li l-bniedem tal-Liżar miet b'infart mijokardjaku. Dan jista' jiġri anki jekk il-moribond ikun għadu żgħir fl-età u fl-aqwa tiegħu u jiġri bħala riżultat ta' spażmi kbar fir-ramifikazzjonijiet koronarji flimkien ma' stress qawwi u vjolenti psikofiżiku.

# Stejjer tal-waħx

***Rakkont ta' Anthony Said mill-Furjana***



Dakinhar li Toninu u l-Perit Felice marru jagħmlu spezzjoni fid-dar ta' Pawlu Grech, magħruf bħala l-Kolin, żgur li mhuma ser jinsewh qatt! Pawlu qabbad lil Toni biex joħodlu ħsieb il-karti tat-taxxa u talbu wkoll biex iġiblu stima tad-dar fejn kien joqgħod għax ried ibigħha. Għal dan, Toni qallu li kellu jqabbad perit u rrakkomandalu lill-Perit Felice.

"Ħa nwissik, qabel jiġi Pawlu," kien qed jgħid Toni lill-Perit, "Dan Pawlu għandu ħafna qarabagħli ġo rasu. Temminx kulma jgħidlek u tħallihx jimpressjonak bi stejjer tal-waħx!"

"X'iġifieri stejjer tal-waħx?" staqsa l-Perit.

"Ma tafx int; fatati, ħsejjes strambi, affarijiet jiċċaqalqu waħedhom," spjegalu Toni. "Insomma, ċuċati bħal dawn li xjuħ bħalu għadhom jemmnu fihom!"

Ftit wara, feġġ Pawlu. Kien ġej mill-għalqa u, "Skużawni!" qalilhom, "imma ħtieġli mmur nagħlef it-tiġieġ," kompla Pawlu, raġel qsajjar u mdaħħal sew fiż-żmien. "It-tjur dejjem iridu!"

"Ġejna nagħmlu spezzoni ħalli nagħmlulek stima tal-post, Pawl," qallu Toni. "Dan hu l-Perit Felice, li għidtlek bih. Tiftakar?"

"Bonġu Perit," qallu Pawlu. "Għaddu, għaddu ġewwa!" L-anzjan daħħalhom f'salott bl-għamara tal-qasab u beda jgħidilhom kif id-dar spiċċat għandu u għaliex ried ibigħha. "Did-dar kienet ta' missieri. Issa, għalija, saret kbira wisq!" beda jispjega Pawlu. "Imma, biex inkun għidtilkom kollox, l-aktar li rrid neħles minnha huwa għax, hawnhekk, hawn il-fatati! Dejjem nisma' l-ħsejjes, dejjem nitlef l-affarijiet u ma nsibhomx, dejjem insib il-kwadri mmejlin. Ma nafx jekk temmnunix imma jien, dawn l-affarijiet narahom b'għajnejja kuljum!"

Il-Perit u Toni ħarsu lejn xulxin bi tbissima! "Pawl, ara ma tmurx tgħidhom lil xi ħadd dawn iċ-ċuċati għax, imbagħad, żgur li ma tbigħhiex din id-dar!" wissieh Toni. "Jew, inkella, ma ġġib xejn tagħha!"

Il-Perit mar idur dawra mad-dar filwaqt li Toni u Pawlu qagħdu jitkellmu dwar it-taxxa dovuta mingħand Pawlu. Għal ħin, kollox kien sejjer tajjeb. Id-dar veru kbira u għandha l-potenzjal biex tinbidel f'xi villa ħelwa bil-pixxina b'kollox. Għandha ġġib somma sostanzjanli, jekk jinstab xerrej li jkun lest jidħol għal biċċa xogħol bħal din. Il-Perit dar dawra ma' kullimkien; sal-bejt u l-ġnien imdaqqas li fiha, u ħa noti tad-dettalji kollha tagħha flimkien mal-qisien li jkun jeħtieġ biex joħroġ stima tal-proprjetà. Kien kważi lesta kollox biex imur lura ħdejn Toni u Pawlu x'ħin deherlu li sema' ħoss. "Toninu, intom hawn?" staqsa l-Perit Felice. Imma ħadd ma wieġbu. Wara ftit, reġa' sema l-istess ħoss imma, din id-darba, iktar qawwi minn qabel. Ftakar f'dak li kien qal Pawlu iktar qabel u nħasad. Qabditu ċerta biżgħa u moħħu xxarrab bl-għaraq! Ried isejjaħ lil xi ħadd imma bħal donnha telgħetlu għoqla f'gerżumtu u leħnu tilfu kompletament. Beda, saħansitra, jirtogħod u, dak il-ħin, xtaq lil xi ħadd jiġi ħdejh għall-wens. Imma waħdu baqa'!

Fl-istess ħin, Toni u Pawlu kienu għadhom jiddiskutu fuq it-taxxa. "Ħa ngħidlek Pawl," kien qed jipprova jfiehmu Toni, "Iġġib kemm iġġib ta' din id-dar, xorta waħda trid tħallas it-taxxa fuqha."

"Imma jien m'għandix minn fejn inħallas dawk il-flejjes kollha!," tenna Pawlu li l-prospett li jħallas xi ħaġa lill-ġvern la qatt fehmu u, wisq anqas, niżillu. "Id-dar mhux tiegħi? Allura għaliex għandi nħallas it-taxxa fuqha?"

"Pawl, trid tifhem li kullħadd irid ... " beda jgħid Toni imma ħoss ta' tisbita qawwija waqqfu. "Dak x'kien,Pawl?" staqsa Toni.

"Ma nafx, Sur Tonin, imma naħseb li xogħol il-fatati!" wieġeb bla tlaqliq l-anzjan.

"Terġax bil-fatati Pawl; xbajt nisma' ħrejjef!" ħatfu Toni.

"Ħrejjef sabiħ!" tenna Pawlu, "Ara tagħmilx xi lejl torqod hawn! L-anqas jirnexxielek tagħlaq għajn m'għajn b'dak li jkun għaddej. Jien qatt ma norqod hawn!"

Toni u Pawlu marru jfittxu lill-Perit imma ma setgħu jsibuh imkien. "Dak żgur ġarrewh il-fatati!!" reġa' qal l-anzjan b'serjetà kbira.

"Pawl ieqaf! Dejjem bil-fatati!" għajjat Toni li xeba' jisma' l-istess kliem. "M'għandekx spjegazzjoni oħra ta' dak li jiġri f'did-dar ħlief dawn l-imħerrijin ta' fatati?"

"Għax ħa ngħidlek Sur Tonin, missieri, Alla jaħfirlu, ma jridnix inbigħha did-dar, għax kienet wisq għal qalbu," stqarr Pawlu.

Toni kien ser iwieġbu imma, dak il-ħin, semgħu lil xi ħadd jokrob. "Mill-kċina ġej dal-ħoss Sur Tonin," qal Pawlu u ż-żewġt irġiel ġrew għal dik in-naħa. Sabu lill-Perit Feliċe, għarkupptejh fl-art, imwerwer, jolfoq u jgedwed waħdu. Pawlu u Toni għenuh joqgħod bilqiegħda fuq siġġu u, "Kif int, Perit? X'ġara? Kellimni!" qallu Toni

waqt li beda jċaqalqu u jżiegħel bih. Il-Perit kien iċċassat u bilkemm jiflaħ jitkellem.
"Ma ... ma nafx x'ġara ... ħassni ħażin ... smajt ħsejjes strambi ... " beda jlaqlaq. "Ħuduni 'l barra ... minn hawn ... għax dal-post misħut!"

"Għidtlek jien li hawn il-fatati!" insista Pawlu. Toni tah ħarsa kerha biex iġiegħlu jiskot għax dak ma kienx ħin li jqajjem dak is-suġġett.

"Fatati ... fatati ... iva ... dak li hawn!" għajjat il-Perit Felice li, dak il-ħin, ma tantx kien feliċi u kien moħħu biss biex iqum u jlebbet 'il barra. Imma Toni żammu u beda jipprova jikkalmah!

"Wisq nibża li missieri mhux se jħallini nbigħha din id-dar!" qal il-Kolin b'wiċċ ta' wieħed rassenjat. "Issa, anki l-Perit jaf! Dal-post misħut!"

"U le, tgħidx hekk Pawl!" qallu Toni. Imma, mad-daqqa u l-ħin, instema' ħoss tant qawwi li donnu ried iċanfru. It-tlitt irġiel instarmu! Il-Perit reġa' beda jnewwaħ u jirtogħod bil-biżgħa u Toni baqa' b'ħalqu miftuħ. "N ... n ... naħseb ... aħjar immorru 'l hemm Perit!" lissen Toni hekk kif reġa' sab leħnu mill-ġdid.

"Kif se nibqgħu fuq l-istima Sur Tonin?" ried jaf Pawlu hekk kif ra liż-żewġt irġiel jiġbru kollox bil-għaġġla u jlestu ħa jparpru 'l barra.

"Inkellmek jien Pawl," wieġbu Toni waqt li l-Perit kien diġà wasal ħdejn il-bieb ta' barra. "Stennieni Perit!" għajjat warajh sieħbu.

Pawlu baqa' waħdu fid-dar u, għal darb' oħra, beda jishet xortih. Missieru anki wara mewtu baqa' jikkontrollalu ħajtu u jikkmandah! Issa, saħansitra, irnexxielu jnaffar lil dawk it-tnejn minn nies li setgħu għenuh jeħles minn dik id-dar darba għal dejjem u, forsi, anki jdaħħal kemxa flus ukoll.

"Irranġajtni Pa!" għajjat Pawlu l-Kolin. Imma ħadd ma wieġbu! Forsi għax is-skiet l-aħjar risposta?

"Għaliex qed tagħmilli hekk, Pa?" reġa' Pawlu. Imma leħnu biss baqa' jidwi u jirbombja f'dik id-dar misterjuża!

---

# *Sailor Jack*

***Novella ta' Lina Brockdorff***

Il-belt Valletta nafha sew, jew hekk kont naħseb għax, wara kollox, tfuliti hemm qattajtha. Trabbejt f'orfanatrofju tas-sorijiet Franġiskani, Marsamxett. Hemmhekk, ma kien jonqosni xejn; la ikel, la logħob u lanqas ħwejjeġ biex inbiddel. Lanqas ma kont nieqsa mill-attenzjoni u mill-imħabba għax is-sorijiet kienu mitlufin warajna, qishom f'pika bejniethom min ifissidna l-aktar. Qatt ħadd minnhom ma tkellem dwar kemm kont ili magħhom u jien lanqas niftakar meta ħaduni hemm u min ħadni; aktarx kont żgħira wisq.

Fl-1980, għalaqt sittax-il sena. Baghtet għalija l-Madre u, ftit ftit, bdiet twassalli l-aħbar li jien issa kont kbira biżżejjed biex inħalli l-orfanatrofju. Ixxukkjajt ftit ruħi għax familja ma kellix u, għal mument, immaġinajt li ser jitfgħuni f'nofs ta' triq infendi għal rasi. Imma mhux hekk kien.

"U ma tarax, Kristina, li mhux sejrin inkeċċuk wara li rabbejnik b'tant għożża! Serraħ moħħok għax int għażiża għalina daqslikieku kont it-tifla tagħna. Ara kemm hu hekk, jien ili nħejji għal dan il-pass xhur sħaħ. Ismagħni sew! Il-kuġina tiegħi, is-Sinjura Isabella Ellul Grixti, hija armla ta' xi ħamsin sena, ta' demm nobbli u ta' karattru mill-aħjar. Toqgħod hawn il-Belt, f'dar kbira, Strada Forni."

"Jaqaw qed tissuġġerili mmur magħha, bħala qaddejja?"



"Le, xejn affattu, għandha qaddejja ilha magħha snin twal. Hi diġà taf bik u tixtieqek tmur tgħix magħha biex tagħmlilha kumpanija. Tfal m'għandhiex u ibqa' żgur li magħha tkun kuntenta. Ikollok il-kamra tiegħek, ikel kemm trid u xi ħaġa tal-paga wkoll. Però, jekk din l-idea ma togħġbokx, tikkonfondi xejn, inħabbtu bieb ieħor."

L-idea għoġbitni u, sa xahar wara, mort fid-dar tas-Sinjura Isabella. Ħadt grazzja magħha u nġbidt lejha mal-ewwel daqqa t'għajn; hemm bdejt ħajja ġdida għalkollox minn dik li kont imdorrija biha fl-orfanatrofju. Ħassejtni qisni għasfur li fethulu l-bieba tal-gaġġa. Veru li, mas-sorijiet ma kien jonqosni xejn imma, fl-istess ħin, dejjem kont inkun b'seba' għajnejn li ma mmurx nagħmel xi ħaġa kontra x-xewqa tagħhom għax, xi wħud minnhom, jafu jkunu ftit eċċentriċi mhux ħażin ukoll.

L-ewwel ħaġa li s-Sinjura Isabella nsistiet fuqha kienet li noħorġu nixtru xi żewġ tibdiliet għalija. Tbellaħt meta bdejt dieħla u ħierġa f'dawk il-ħwienet li qatt ma kont irfist fihom qabel! Fejn qatt rajt dik il-varjetà ta' lbiesi u fejn qatt kont noħlom li għad xi darba jkolli ċans bħal dak! Ħassejtni bniedma differenti għalkollox minn dik li, sa ftit jiem qabel, kienet imsakkra fl-orfanatrofju.

Kif wegħditni l-Madre, kelli kamra għalija, bit-tieqa tagħti għall-bitħa interna li, fiha, kien hemm qsari friski kbar mill-isbaħ. L-għamara tal-kamra kienet roża

b'salt mirja kbar li jarmu d-dawl u jagħmlu l-kamra tidher ikbar u isbaħ. Gwardarobba kbira li, għall-bidu, ma kelli xejn xi npoġġi fiha għax is-sorra ħwejjeġ ta' taħt li ħadt miegħi mill-orfanatrofju poġġejthom f'kexxun tat-twaletta.



Konna nqumu fis-sebgħa u nlestu biex immorru l-knisja ta' Santu Wistin flimkien għall-quddiesa tat-tmienja. Wara, konna nsibu kolazzjon lest jistenniena. Il-qaddejja, Marianna, tgħidx kemm kienet mill-aħjar u, kieku setgħet, ma kienet tħallini nagħmel xejn. Imma jien insistejt li, għall-inqas, nisbarazza l-mejda wara l-kolazzjon u nħalli l-kamra tal-pranzu f'postha.

Għall-ħabta tal-għaxra, kien il-ħin li fih immorru passiġġata l-Belt stess. Billi kont għadni qisni belha, xtaqt nieqaf quddiem kull vetrina ta' kull ħanut. Is-Sinjura xejn ma kienet tiddejjaq għax qaltli li dalwaqt nitgħallem bl-amment x'hemm f'kull vetrina u, imbagħad wara, ma jkollix bżonn nieqaf daqshekk fit-tul. U, tabilħaqq, hekk kien għax kemm ser iddum tara l-istess affarijiet? Għalkemm, bdejt ninduna li tal-ħwienet spiss jibdlu dak li jkollhom għall-wiri fil-vetrini. Imma ppruvajt inkun prudenti kemm nista' u mhux darba jew tnejn xtaqt indum aktar nistudja xi vetrina imma kont nagħmel tabirruħi li ma tinteressanix.

Veru kont ferħana meta bdejt nirrealizza dak il-ġid kollu li kont akkwistajt f'salt wieħed imma l-aktar ħaġa mportanti għadni ma semmejthiex u din hija li bdejt inħossni qisni parti minn dik il-familja żgħira tas-Sinjura Isabella u l-qaddejja tagħha. X'hena u x'konfort meta jien qatt ma kelli familja!

Bdejt nitgħallem l-ismijiet tat-toroq, kemm bit-Taljan, bl-Ingliż u bil-Malti u bdejt niskopri kemm kienet kbira u sabiħa l-belt Valletta. U ħalli għas-Sinjura Isabella biex ma tieqafx tirrakuntali xi ġrajja marbuta ma' kull triq li konna ngħaddu minnha. Kemm kienet taf! Bdejt ninduna kemm jien ma kont naf xejn dwar l-istorja ta' Malta. Minn kull fejn ngħaddu, turini xi dar fejn kien joqgħod xi ħadd magħruf. Darba xtratli mappa kbira tal-Belt flimkien ma' xi żewġ kotba bl-Ingliż dwar l-istorja u ntlift fuqhom.

Fis-siegħa, konna nippranzaw u, sal-erbgħa, hi kienet tistrieħ filwaqt li jien f'kamarti naqra u nistudja l-mapep li, għalija, kienu skoperta kbira. Wara t-te, konna nerġgħu noħorġu, naqbdu karozza tal-linja u nżuru xi raħal jew belt oħra. Lura d-dar għaċ-ċena u nirtiraw għal xi d-disgħa.

Darba minnhom, fuq il-mappa, bdiet turini t-toroq li konna ngħaddu minnhom u oħrajn li kien għad jonqosna naraw; dejjem twegħdni li, xi darba, nibdew inżuru l-knejjes u l-kappelli kollha tal-Belt. Indunajt li kien hemm triq twila li qatt ma konna rsaqna lejha; Strada Stretta; triq dejqa dejqa li tibda mill-Kavallier ta' San Ġwann u tibqa' sejra sa Sant' Jiermu. Meta smajt il-frażi, 'Kavallier ta' San Ġwann', immaġinajt xi kavallier tad-demm u l-laħam u aktar kelli kurżità biex infittex immur nara dik it-triq dejqa u twila. Kelli ġenn biex immur s'hemm imma s-Sinjura Isabella dejjem kienet issib xi skuża biex immorru xi mkien ieħor. "Insomma, mhux għax hemm wisq x'tara hemm!" qaltli u baqgħet tħares lejja. "Dik triq magħrufa mal-baħrin għax hemm għadd ta' ħwienet tax-xorb, għalkemm issa, li telqu l-Ingliżi, in-negozju naqas xi ftit. Insomma, xi darba naslu s'hemm ukoll biex żgur tkun dort il-Belt kollha."

Imma, għodwa waħda, malli nżilna t-tarġa tal-bieb ta' barra, is-Sinjura ddikjarat li, dakinhar, konna ser inżuru Strada Stretta, mill-bidu sal-aħħar, tant li bdejniha minn Strada Mezzodì. Għall-ewwel, ma rajt xejn speċjali imma, meta bqajna navvanzaw, intbaħt bil-kwantità ta' ħwienet tax-xorb, wieħed ħdejn l-ieħor. Bdejt ninnota l-ismijiet, aktarx bl-Ingliż, ta' dawn il-ħwienet: *Silver Bar, Tico-Tico, New Life, Queen Victoria Bar* u għexieren t'oħrajn. Il-biċċa l-kbira minn dawn il-ħwienet kienu miftuħin imma mingħajr klijenti għax ix-xogħol tagħhom, normalment, ikun filgħaxijiet. Sa dak iż-żmien, kont għadni qisni babba; qatt ma kont smajt għal xiex kienet magħrufa dik it-triq. Għalija, kienet triq fuq il-mappa li kont għadni qatt ma rajt.

Ħin minnhom, konna għaddejjin minn quddiem bar jismu, *Sailor Jack*. Il-bieb kien miftuħ beraħ u mara xwejħa kienet qed taħsel l-erba' tarġiet ta' barra. Waqaft nittawwal 'il ġewwa. Tistaqsinix għax waqaft għax lanqas jien stess ma naf! Imma, dak il-ħin, ħakmitni sensazzjoni stramba li qatt ma kont ħassejt bħala qabel. Stajt nara sew il-kamra mdaqqsa tal-ħanut u, ma nafx kif, bdejt niftakar li, warajh, kien hemm kurutur twil u, imbagħad, aktar kmamar zgħar. Bqajt imkaħħla mal-art iċċassata nhares 'il ġewwa.

Is-Sinjura Isabella bdiet titħasseb xi ftit. Għolliet leħinha u sejħitli: "Kristina, Kristina!"

Meta x-xwejħa, li kienet qed taħsel it-taraġ tal-ħanut, semgħet ismi, daret fil-pront u telqet il-biċċa tal-art tqattar minn idha. Ġriet għal fuqi u ħaddnitni magħha, b'xuftejha jirtgħodu u d-dmugħ nieżel ma' wiċċha: "Kristina! Inti żgur Kristina Smith!"

"Iva, hekk jisimni,“ weġibtha nlaqlaq. "Tafni?"

"Wiċċ ommok preċiż! Il-Bambin jieqaf miegħek!"

"Fejnhi ommi?" staqsejtha nofsi fgata.

"Ommok mietet meta kellek sentejn. Hawn ara mietet, fuq dawn it-tarġiet ruħi binti, waqgħet u baqgħet tal-post!"

Imbagħad bdejt nifhem għala Strada Stretta kienet ilha ssejjaħli biex immur sa fejnha!



# Il-ġnien ta' fuq il-bejt

*Kitba ta' Carmen Dimech*

Bħalma tafu, m'ilix wisq, tlift lil Salvu, l-għażiż raġel li kelli. Ilni naqsam magħkom il-memorji ħelwin li tant għandi tiegħu. Salvu kellu ħemel delizzji imma, fosthom, l-aktar tnejn li kienu għal qalbu kienu l-baħar u r-raba. Salvu kien iħossu komdu jitkellem mas-sajjieda u mal-bdiewa. Kien kurjuż u jistaqsi; dejjem iħoss li qatt ma jaf biżżejjed. Kien jogħxa kull meta, fuq it-*television*, kien jinzerta dokumentarju dwar xi wieħed minn dawn iż-żewġ suġġetti. In-natura kienet taffaxxxinah wisq u l-għors tiegħu kien li jitkellem fuqha ma' kull min kien jiltaqa'. Kull meta kien jeħtieġlu jidħol l-isptar, malajr kien jagħmel ħbieb ma' min kien jinzerta fis-sodda ta' ħdejh, imqar jekk kien ikun minn Timbuktu, basta jkollu ma' min jitħaddet u ma' min jaqsam l-għerf kollu li kien jippossjedi kważi fuq kull suġġett taħt il-kappa tax-xemx.

Il-baħar kien iħobbu ħafna. Fih, kien jara abbundanza ta' ġid u ta' tjubija kbira. Min jaf kemm għodos għar-rizzi u kemm qala' mħar, bebbux u artikli? Imbagħad, erħilu jqassam u jferraħ lil dak u lill-oħra. Kull ħuta li kien jirnexxielu jaqbad kien jaf mhux biss x'jisimha imma jekk hijiex tajba għall-aljotta, għall-qali jew għax-xiwi. Il-ħut hu kien inaddfu u jsajru għax il-kċina kien iħobbha wkoll. U, biex inkun għidt kollox, wara li kien ilesti mit-tisjir, kien inaddaf ukoll biex lili ma jħallilix għal xiex ingerger. Fi ftit kliem, il-kelma għażż qatt ma kienet fil-vokabularju tiegħu. Anzi, wieħed jista' faċilment jgħid li, f'dik li hi anzjanità attiva, Salvu żgur li kien jieħu l-ewwel.

Imma llum mhux fuq il-baħar ser nikteb. Sakemm kien għadu ġuvni jgħix m'ommu, mad-dar kellhom nitfa ta' ġardina li, tista' tgħid, kienet qisha d-dominju tiegħu. Imma, fit-tmienja u ħamsin sena li għamilna miżżewġin, minkejja li bdilna tliet postijiet, qatt ma kellna, u la ġnien u lanqas ġardina. PeroĐ Salvu kien inġenjuż u jilħaqlu u, allura, malajr sab sostitut. Minn dejjem kien qisu farfett u t-taraġ għal fuq il-bejt qatt ma qatagħlu qalbu. Fil-baxx, dawramejt mal-bejt kollu bena ħarriġiet tal-franka li jifilħu ħwat tqal tal-ġebel u, fuqhom, għamel skoss xkafef tal-injam għall-qsari. Beda jixtri, isib u jiddobba l-qsari tat-terrakotta, tal-fuħħar u tal-plastik flimkien ma' ħwat antiki tal-ġebla Maltija u erħilu jiżra, iħawwel, ixettel u, biż-żmien, mela l-bejt bil-ħdura. L-ambjentalisti ilhom iħeġġuna biex nibnu binjiet li huma *eco-friendly*. Din l-idea, Salvu tiegħi ħasibha ferm qabilhom.

U kien jinqala' wkoll għax sew jekk hi patata, tadam, ful, basal u tewm, brunġiel, tursin, karfus, naniegħ, merqtux u ħabaq għall-borma; kollox kien jaf meta suppost jinżera' u kemm u meta għandu jissaqqa. U qatt ma kien jinsa jiżra xi ftit qronfol u freżja għal quddiem l-istatwetta tal-Madonna ta' Lourdes li hemm f'għar ċkejken magħmul mill-ġebel rustiku fir-rokna f'nofs it-taraġ li jagħti għall-bejt. Kont niggustah għax ma kienx jitla' fuq il-bejt mingħajr ma jieqaf quddiemha u jgedwed xi talba żgħira.

Mal-ġirien, dejjem kellna relazzjonijiet tajbin. Mhux għax ir-raġel tiegħi tafux imma, lil Salvu, kulħadd kien iħobbu. Kienu jammirawh meta kienu jarawh jieħu ħsieb il-ġnien ta' fuq il-bejt b'tant għożża u dedikazzjoni. U spiss kienu jiġu bżonn is-servizzi tiegħu ukoll għax daqqa Marì ta' maġenbna ddeffes rasha mill-bieb imbexxaq ta' barra u tgħidlu: "Għal li jista' jkun Salv, ma nsiblekx xi werqa tursina, hux? Għar-ruħ min għandek mejjet, jaħasra!" jew Lippa tal-kantuniera tiġi għal xi biċċa karfusa għal brodu. U Salvu erħilu jaqta' u jagħtihom bil-qalb.

Sadattant, il-qsari dejjem jiżdiedu. Ngħid is-sew, jien ġieli gergirtlu għax kont nibża' li għad xi darba jisfronda s-saqaf tal-bejt u kollox jispiċċa fil-kamra tas-sodda tagħna. Imma Salvu, li kien jifhem aktar minni f'dawn l-affarijiet, dlonk kien iserraħli rasi billi jgħidli li l-ħitan huma tad-doblu u li x-xorok u t-travi huma felħana biżżejjed biex ma jħallux li dan jiġri.

Opportunità kien jagħrafha u ma kienx iħalliha għaddejja mingħajr ma jaħtafha. Darba, hu u ġej lura lejn id-dar minn fejn kien jaħdem, sab bżaru aħmar fit-triq. Ħasra tħallih hemm biex jintrifes taħt ir-riġlejn u jitgħaffeġ mir-roti tal-karozzi! Tbaxxa u ġabru. Xħin wasal id-dar, baqa' tiela' bih fuq il-bejt, sab ħawt vojt, fetaħ il-bżaru aħmar b'difru, xerred iż-żerriegħa tiegħu fil-ħamrija, qalleb daqsxejn il-wiċċ tal-ħamrija bis-swaba' ta' jdejh, saqqa u beda jgħix il-ġost tal-istennija.

Salvu kellu dawk li l-Ingliżi jsejħu *green fingers*. Kien jaf *ben* sew li, bħal kull ħaġa ħajja oħra, il-pjanti u x-xtieli trid tkellimhom u turihom li tħobbhom biex jagħtuk il-frott li tkun trid mingħandhom. Għaldaqstant, mhux ħaġa tal-għaġeb li, wara ftit jiem, f'wiċċ dak il-ħawt spuntaw u tfaċċaw għadd ta' xtieli ħodor żgħar u ħelwin. Meravilja tan-natura għax, minn naqra żerriegħa ta' dak il-bżaru, il-kwantità li għamel kienet xi ħaġa li bilkemm titwemmen. Wara ftit ġimgħat, lil Salvu kont narah kuljum nieżel minn fuq il-bejt u, b'wiċċu jixgħel, jgħidli, "Ara kemm erġajt qtajt illum!"

Is-sabiħa hi li la jien u lanqas hu ma konna nħobbu l-ħruq li jaf joffri l-bżar aħmar. Imma Salvu ma kienx ser iħalli prodott bħal dak jinħela. X'għamel? Beda jitlobni l-vażetti vojta, jaħsilhom sew u jisterilizzahom, imbagħad jagħsar il-bżar fil-*liquidiser* ħalli minnu jagħmel il-filfel. Kien jaf li għadd ta' membri tal-familja tagħna, ħbieb u anki ġirien iħobbuh il-filfel. U hemm anki min jiġġennen għalih ukoll. F'kemm ilni ngħid, kulħadd drah u, "Zi, agħmilli vażett?" Anki ż-żgħir tagħna, li jgħix *Nottingham,* kien iħobb itella' vażett miegħu kull meta jiġi Malta għal xi btala qasira għax kemm uliedu kif ukoll il-mara tiegħu kollha jħobbu jfexfxu minnu fuq il-patata *chips*.

Salvu kellu radju qadim li, wara li xaba' jaqla t-trab tal-magna tal-isserrar fil-ħanut fejn kien jaħdem, sab ruħu fil-kamra ta' fuq il-bejt. Imma, ħaġa tal-għaġeb, xorta waħda baqa' jdoqq ċar daqs qabel. Meta Salvu kien jitla' fuq il-bejt, jiġifieri, tista' tgħid, kważi kuljum, l-ewwel ħaġa li kien jagħmel kienet dik li jidħol fil-*washroom* u jixegħlu għax, mingħajr mużika, Salvu ma kienx joqgħod. Biex bħal donnu jiġġustifika ruħu, niftakru jgħidli li anki l-kirurgu li operah meta kellu bżonn *by-pass* kien akkumpanjat waqt xogħlu minn *CD* ta' mużika klassika għaddejja fil-*background* kemm kemm tinstema'. Sa pultruna tar-*rexine* li m'għadniex nużawha hemm fuq il-bejt ukoll u Salvu kien iħobb jintasab bilqiegħda fuqha wara li tkun niżlet ix-xemx u kien jgħidli wkoll li lanqas kien ikollu aptit jinżel minn hemm fuq għax, fil-ġnien ta' fuq il-bejt, kien iħossu qisu qiegħed fil-Ġenna tal-Art.



# TISLIBA Nru.111

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**

1. Ħofra fil-blat (6)
5. Port turistiku fid-daħla ta' Salerno (6)
10. Ħruq, Mixgħela (3)
12. Singlar, Sottolinjar (5)
14. Viċinanzi, Bnadi (5)
15. Żarenu mqassar mod ieħor (4)
16. His Holiness (1.1.)
17. Silwett, Dell (5)
19. Ikkopja lil, Għamel bħal (5)
22. Kesħin, Qżież dawn (8)
24. L-Itwal Xmara Afrikana (3)
25. Madankollu, Sadattant (6)
28. Mollusk dejjem imqabbad mall-blat (5)
31. Ferħ ta' Ġenn (5)
33. Entużjażmajt (7)
35. Fuqhom jitwaqqfu soqfa għal bini (5)
37. In-No maqlub (2)
38. *West* bil-Malti (6)
39. Isem ta' baħar bejn l-Awstralja u l-Indonesia (5)

**Weqfin:**

2. Twieled fil-belt kapitali Taljana (5)
3. Ħut kbir fl-ibħra Maltin (4)
4. L-Isem bibliku sħiħ ta' Abram (7)
6. Kunjom li bil-malti jfisser magħlub (5)
7. Maqtugħ għalih, Solitarju (6)
8. Fatati, Spettri, Iħirsa (6)
9. Xarba hekk trid fis-Sajf (6)
11. Għajta ta' wġigħ (3)
13. Kumment, Kitba bl-aħmar fil-kotba tal-Knisja (7)
18. Kamra kbira, Salott (4)
20. Osservat, Niżżlet, Kitbet rimarki (7)
21. Nofs titlaq! (3)
23. Dawn tal-ordni ta' San Duminku (9)
26. Tmien għaxriet (6)
27. Ngidem, ngħafas (6)
29. L-Isem ta' Toscanini (6)
30. Nemnem (6)
32. Iżjed spazjuż dan il-pajjiż (3)
34. Kunjom maħbub (5)
36. Dikjarazzjoni segrieta f'elezzjoni (3)

**Premju:** It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' €10.
Il-Premju għat-tisliba numru 110 intrebħet mis-Sur Emanuel Attard **Prosit!**

---

**Soluzzjoni tat-tisliba tal-**ħarġa **numru 110**

**Mimdudin: 1.** sakemm, **5.** sunett, **10.** mar, **12.** rtira, **14.** evita, **15.** raba', **16.** en, **17.** aspru, **19.** ħarsa, **22.** terremot, **24.** ort, **25.** azzard, **28.** traba, **31.** milwa, **33.** preżent, **35.** natal, **37.** nu, **38.** amorin u **39.** starr.
**Weqfin: 2.** aħseb, **3.** emme, **4.** marinat, **6.** uqija, **7.** tanbur, **8.** timriħ, **9.** krakar, **11.** ave, **13.** approva, **18.** tata, **20.** rożolin, **21.** srz, **23**. estremist, **26.** disklu, **27.** appoġġ, **29.** attent, **30.** imsida, **32** att, **34.** errur u **36.** ann.



# Titwiliet Għawdxin

*Kitba ta' Antoine Vassallo minn Victoria, Għawdex*

**Il-mużew, Il-Ħaġar**

F'kitba oħra minn dawn, semmejt titular ta' Santu Wistin ta' Mattia Preti. Dan huwa wieħed minn għadd limitatissimu ta' dan il-ġeneru li nsibu fil-pubbliku fil-gżira t'Għawdex. Fil-fatt, sett ta' erba' Santi Padri, xogħol tal-bottega ta' dan l-istess ġenju, insibuh fil-mużew, Il-Ħaġar, maġenb il-bażilika ta' San Ġorġ fil-kapitali Għawdxija. L-isem ta' dan iċ-ċentru kulturali, li fetaħ eżatt għaxar snin ilu, inħoloq minn kelma li kienet tiddeskrivi ċ-ċentru qadim tar-Rabat. Il-kelma 'ħaġar' tfisser kummunità fil-bini, fis-sens li ma jgħixux fl-għerien jew fi spazji fil-blat. Peress li, madwar il-gżira, kien hemm diversi kappelel u nħawi oħra li juru l-qima soda lejn "il-Qaddis ta' Lidda", magħdud mal-megalomartri mill-insara ta' lvant, il-knisja żgħira, li, maż-żmien, żviluppat fil-bażilika ta' żmienna, kienu jirreferu għaliha bħala, "San Ġorġ tal-Ħaġar". Meta ma baqagħlhiex iktar ħtieġa ta' aġġettivi biex jidentifikawha, din id-deskrizzjoni ntirtet min-niċċa fit-tarf tat-triq u "kkorrompewha" bħallikieku trid tfisser li din l-istawa hija tal-ġebel!

L-idea li l-parroċċa jkollha mużew fejn jinġabru oġġetti, liturġiċi jew mhumiex, li jintużaw f'perijodi limitati jew anki li twarrbu, kienet ilha t-tama għal iktar minn ħamsin sena, tant li ġieli ntesiet. Fl-1998, l-arċipriet ħa l-inizjattiva biex twaqqfet il-Fondazzjoni Belt Victoria bħala organizzazzjoni awtonoma (ħalli ma tgħabbix lil min diġà kellu responsabbiltajiet tqal fuq spallejh) biex tikkonċentra fuq attivitajiet kulturali u taħdem lejn it-twettiq tal-"ħolma".



Imbagħad, il-proġett ikkwalifika għall-fondi strutturali tal-Unjoni Ewropeja (l-ewwel wieħed mhux ta' entità statali) u kien inawgurat fl-2013 mill-Prim Ministru, Lawrence Gonzi, u mbierek mill-Isqof (illum Kardinal) Mario Grech. Permezz ta' grupp ta' voluntiera, Il-Ħaġar huwa miftuħ mingħajr ħlas sebat ijiem fil-ġimgħa. Normalment, jiftaħ mid-disgħa ta' filgħodu sal-ħamsa ta' waranofsinhar u, barra attivitajiet bħal konferenzi, diskussjonijiet, tnedija ta' kotba jew kunċerti, rari ma jkunx hemm xi wirja temporanja. Illum, dan iċ-ċentru rċieva rikonoxximent rari ta' kwalità mill-Awtorità tat-Turiżmu.

Tolqot l-għajn hemm "is-sinsla", kolonna, li tibda minn isfel nett sas-saqaf tas-sular ta' fuq, li tagħti ħarsa lejn il-diversi epoki fl-istorja tagħna mill-perijodu tal-preistorja sal-lum.

Dawra bil-għaqal faċilment tiskorri siegħa mlaħalħa għax hemm x'tara mhux ħażin. Nista' nibda bis-sett tal-Mattia Preti li semmejt fil-bidu. Oriġinarjament, dawn kienu taħt il-koppla ta' San Ġorġ, minn fejn tneħħew, x'aktarx, għax ġarrbu ħsara minħabba x-xita. Dawn juru erba' Santi Padri; Ambroġio, Girgor, Ġlormu u Wistin; qaddisin għorrief li għadna ngħożżu tagħlimhom sal-lum. Sett ieħor ta' pitturi tondi juri l-erba' Evanġelisti, xogħol ta' Venuti li kien restawrat sentejn ilu. Fil-fatt, programmi ta' restawr bdew minn qabel il-ftuħ ta' Il-Ħaġar u għadu sejjer, anki permezz ta' għajnuna finanzjarja.



Naħa li tiġbed l-attenzjoni tinkludi vetrina b'oġġetti pontifiċji li jfakkru fil-papiet mill-Gwerra 'l hawn, prinċipalment karlotti, mitra u dokumenti. Maġenbha, fost żewġ rigali mill-Qdusija Tiegħu, il-Papa, hemm ukoll l-aħħar suttana kardinalizja ta' Franġisku.

Waħda mill-kmamar tiġbor fiha l-arkivju tal-Professur Joseph Vella li miet l-għada ta' din id-donazzjoni prezzjuża li sservi għar-riċerka dwar il-produzzjonijiet ta' dan il-kompożitur. Kull sena, fl-anniversarju, issir konferenza b'tifkira, l-istess bħal oħra li ssir ad unur Pawlu Mizzi, Għawdxi ieħor li għamel isem barra minn din il-gżira ċkejkna.

Żewġ vetrini jiġbru kollezzjoni sabiħa ta' muniti ta' żmien l-Imperu Ruman u ta' żmien l-Ordni ta' San Ġwann. Minħabba l-kwalità tagħhom, dawn iddaħħlu fl-aqwa ktieb enċiklopediku dwar in-numismatika fis-sekli meta l-kavallieri kienu jmexxu lil Malta. Barra esibiti proprjetà tal-parroċċa, il-mużew akkwista firxa ta' oġġetti li mhux neċessarjament għandhom konnessjoni ma' pajjiżna. Dawn jinkludu għotja interessanti ta' muniti u msiebaħ mill-Art Imqaddsa matul żewġ jew tliet millennji. Anki l-filatelija għandha vetrina għaliha!



Mhumiex ftit l-istatwi u l-inkwadri li jmorru lura s-sekli, fosthom, niċċa bil-Bambin imsemmija minn De Soldanis fil-manuskritt dwar l-istorja ta' gżiritna. Jintgħoġbu wkoll l-abbozzi dettaljati ta' GB Conti għall-arzelel tal-Bażilka u żewġ xbihat ta' San Gejtanu, għax donnu li, f'dawn l-inħawi, twieldet id-devozzjoni lejh f'pajjiżna. L-esibizzjonijiet jagħtu opportunità biex anki l-artisti kontemporanji joffru l-opri tagħhom. S'issa, diġà ġew ippubblikati iktar minn għoxrin katalgu fis-sensiela ta' kotba, Il-Ħaġar GEMS.

Anki l-binja stess jixirqilha attenzjoni għax, barra li kienet isservi lill-isqof medjovali għal żjarat f'Għawdex, l-istess bħall-Konkatidral, mill-faċċata biss ma timmaġinax is-sbuħija li ssib ġewwa!

# Pitturi famużi

*Kitba ta' Vincent Piccinino*



*Self Portrait*

**Edgar Degas 1834 – 1917**

Edgar Degas twieled Parigi minn familja pjuttost sinjura fid-19 ta' Lulju tal-1834. Missieru kien bankier. Degas beda jpingi kmieni. Għalkemm missieru riedu jsir avukat, malli spiċċa mil-Liċeo bi grad fil-letteratura, meta kellu tmintax-il sena, Edgar qabad kamra fid-dar u għamilha *studio* għalih.

Għall-ewwel, beda b'suġġetti storiċi, klassiċi u konvenzjonali. Imma, fl-1864, Degas iltaqa' ma' Edouard Manet meta t-tnejn kienu qed jikkupjaw l-istess kwadru ta' Velazquez ġewwa l-Louvre u dan tant influwenzah li, minn hemm 'il quddiem, l-arti ta' Degas ħadet xejra oħra. Biex tkompli tagħqad iżjed, fl-istess żmien, Degas irribella kontra r-regoli soffokanti u l-ġudizzji stretti tal-*Paris Salon* u qabad ma' grupp ta' artisti żgħażagħ bħal Manet li kienu qed jorganizzaw wirjiet separati għalihom; grupp li, ftit taż-żmien wara, sar magħruf bħala l-Impressjonisti.



Għalkemm Degas jitqies bħala wieħed mill-fundaturi tal-Impressjoniżmu, dan l-isem lilu xejn ma kien jogħġbu. Kien jippreferi jqisuh bħala realista u lanqas kien ipingi barra mill-i*studio* kif kienu jagħmlu bosta Impressjonisti. Anzi, kien dejjem imaqdar lil sħabu Impressjonisti għax ipingu barra. Darba, saħansitra, wasal biex qalilhom:



*The Dancing Class, 1870*

"Tafu kif naħsibha jien dwar dawk li jpingu fil-beraħ? Kieku kont il-gvern, kont nagħmel skwadra speċjali ta' ġendarmi kontra dawk li jpingu pajsaġġi minn natura. Mhux biex joqtluhom, ta! Sempliċiment, ftit ċomb irqiq, bħala twissija!"

Fl-1873, missieru miet u Edgar sar jaf li ħuh kellu djun kbar fin-negozju. Biex jipproteġi r-reputazzjoni tal-familja, Edgar biegħ id-dar flimkien ma' kollezzjoni tal-arti li kien wiret u ħallas id-djun ta' ħuh. Billi issa, għall-ewwel darba, Degas kien jiddependi fuq il-bejgħ tal-kwadri tiegħu biex jiekol, fl-għaxar snin ta' wara, ipproduċa l-aħjar xogħlijiet tiegħu.



*Ballet Rehearsal on Stage, 1873*

Lil Degas nidentifikawh l-iktar ma' xeni taż-żfin. Infatti, iktar minn nofs il-kwadri tiegħu juru żeffiena u ballerini. Mill-1870 'il quddiem, huwa pinġa ħemel ballerini, anki għax kienu mfittxijin ħafna u l-bejgħ tagħhom kien jagħmel tajjeb għad-dħul tiegħu wara li d-djun li kien għamel ħuh ħalla l-familja falluta. Mhux talli kien ipingi l-ballerini imma, ħafna drabi, kien jaqbadhom f'ċerti qagħdiet partikolari, anki xi kultant imbarazzanti, qisu ġibdilhom ritratt f'mument meta ma kinux qed jistennewh. Ma ninsewx li dan kien iż-żmien tal-bidu tal-fotografija u, fit-tmeninijiet tas-seklu dsatax, Degas żviluppa passjoni għall-fotografija. Għaldaqstant, mhux ħaġa kbira li bosta mill-kwadri tiegħu jaqbdu mument fiż-żmien bħalma tagħmel il-kamera tar-ritratti. Fil-fatt, nistgħu liberament ngħidu li, ħafna mill-kwadri ta' Degas huma mumenti ffriżati fiż-żmien għalkemm, fl-istess ħin, jissuġġerixxu wkoll sens qawwi ta' moviment.



*The Dance Class, 1874*



*Two Ballet Dancers, 1879*

Degas kien jippreferi jaħdem fl-istudio, jew mill-memorja, jew minn ritratti jew permezz ta' mudelli li kienu jippużawlu. Wieħed mill-ammiraturi tiegħu kien il-pittur Henri de Toulouse-Lautrec. Kieku ħbieb kellu imma fl-aħħar spiċċa biex, wieħed wieħed, kollha abbandunawh. Kellu karattru diffiċli ferm. Kien jemmen li artist għandu jgħix waħdu u li l-ħajja privata tiegħu għandu jżommha għalih. Fl-istess ħin, kien jemmen ukoll li artist ma jistax ikollu ħajja personali. Kien argumentattiv u anti-Semitiku u, minħabba f'hekk, kisirha ma' ħafna nies u spiċċa iżolat. Pierre-Auguste Renoir sa wasal biex qal: "Kemm hu stramb, x'waħda din, Degas! Ħbiebu kollha telquh! Jien kont wieħed minn tal-aħħar imma, finalment, lanqas jien ma stajt nissaportih!"



*Three dancers in an exercise hall*



*Dancers in the studio, 1884*

Degas kien skjett fi kliemu u antifemminist kbir. Darba għamel ħbieb mal-pittriċi Mary Cassatt. Meta ra l-kwadru tagħha, *Two Women Picking Fruit*, azzarda jgħidilha f'wiċċha li ebda mara m'għandha dritt tpingi hekk! L-ironija hi li, fl-1915, saret wirja tal-arti ta' Degas u ta' Cassatt li l-għan tagħha kien li żżid l-appoġġ favur id-dritt tal-vot lin-nisa.

Degas baqa' qatt ma żżewweġ u qatta' l-aħħar snin ta' ħajtu jdur waħdu fit-toroq ta' Parigi, kważi għama, sa ma miet fis-27 ta' Settembru tal-1917 fl-età ta' tlieta u tmenin sena.